

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

19 ta' Mejju 2010\*

Fil-Kawża T-21/05,

**Chalkor AE Epexergasias Metallon**, stabbilita f'Ateni (il-Greċja), irappreżentata minn I. Forrester, QC, A. Schulz u A. Komninos, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irappreżentata minn P. Oliver u S. Noë, bħala aġenti,

konvenuta,

\* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2004) 2826, tat-3 ta' Settembru 2004, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.069 — Pajpijet tar-ram għall-plumbing),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn E. Martins Ribeiro, S. Papasavvas u N. Wahl (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: C. Kantza, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Novembru 2008,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

<sup>1</sup> Chalkor AE Epexergasias Metallon (iktar "il quddiem "Chalkor" jew ir- "rikorrenti") hija kumpannija rreġistrata taħt id-dritt Grieg, ikkwotata fil-Borża ta' Ateni (il-Greċja). Il-kumpannija Viohalco SA għandha l-maġġoranza assoluta tal-ishma tar-rikorrenti.

*1. Il-proċedura amministrattiva*

- <sup>2</sup> Wara l-komunikazzjoni ta' informazzjoni minn Meuller Industries Inc. (iktar 'il quddiem "Mueller") f'Jannar 2001, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għamlet żjarat ta' verifika mhux mistennija, f'Marzu 2001, fil-bini ta' diversi impriżzi li jaħdmu fis-settur tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 8, Vol. 1, p. 3).
- <sup>3</sup> Fid-9 u fl-10 ta' April 2001, saru żjarat ta' verifika addizzjonali fil-bini ta' KME Germany AG (li kienet KM Europa Metal AG) u ta' Outokumpu Oyj u Luvata Oy (li kienet Outokumpu Copper Products Oy) (iktar 'il quddiem, flimkien, il-“grupp Outokumpu”). Fid-9 ta' April 2001, Outokumpu offriet li tikkoopera mal-Kummissjoni skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni jew it-tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 1996, C 207, p. 4) (iktar 'il quddiem l-“Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni”), kemm għall-pajpjiet industrijali kif ukoll għall-pajpjiet għall-plumbing. Wara ż-żjarat ta' verifika addizzjonali, il-Kummissjoni qasmet l-investigazzjoni tagħha dwar il-pajpjiet tar-ram għall-plumbing fi tliet proċeduri separati, jiġifieri l-Każ COMP/E-1/38.069 (Pajpjiet tar-ram għall-plumbing), il-Każ COMP/E-1/38.121 (Attrezzaturi) u l-Każ COMP/E-1/38.240 (Pajpjiet industrijali).
- <sup>4</sup> Permezz ta' ittra tat-30 ta' Mejju 2001, il-grupp Outokumpu bagħħat memorandum lill-Kummissjoni, akkumpanjat minn ċertu numru ta' annessi, li kien jiddeskrivi s-settur tal-pajpjiet tar-ram u l-ftehim kollużivi relatati miegħu.

- 5 Fil-5 ta' Ġunju 2002, fil-kuntest tal-Każ COMP/E-1/38.240 (Pajpijiet industrijali), fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, saru intervisti relatati mal-offerta ta' kooperazzjoni magħmula mill-grupp Outokumpu, ma' rappreżentanti ta' din l-impriża. Din l-impriża indikat ukoll illi kienet lesta li tħalli lill-Kummissjoni tinterroga l-membri tal-persunal tagħha involuti fil-ftehim imsemmija fil-Każ COMP/E-1/38.069 (Pajpijiet tar-ram għall-plumbing).
- 6 F'Lulju 2002, fil-kuntest tal-Każ COMP/E-1/38.240 (Pajpijiet industrijali), il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17, minn naħa waħda, bagħtiet talbiet għal informazzjoni lil Wieland-Werke AG (iktar 'il quddiem "Wieland") u lill-grupp KME [kompost minn KME Germany, KME France SAS (li kienet Tréfimétaux SA) u KME Italy SpA (li kienet Europa Metalli SpA)] u, min-naħħa l-oħra, stiednet lill-grupp Outokumpu sabiex jibgħatilha informazzjoni addizzjonali. Fil-15 ta' Ottubru 2002, il-grupp KME wieġeb għall-imsemmija talba għal informazzjoni. It-tweġiba tiegħu kienet tinkludi dikjarazzjoni u talba sabiex jibbenefika mill-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni fil-kuntest tal-Każ COMP/E-1/38.069 (Pajpijiet tar-ram għall-plumbing). Barra minn hekk, il-grupp KME ppermetta lill-Kummissjoni li tuża l-informazzjoni kollha pprovdu ta fil-kuntest tal-Każ COMP/E-1/38.240 (Pajpijiet industrijali) u f'dak tal-kawża COMP/E-1/38.069 (Pajpijiet tar-ram għall-plumbing).
- 7 Fit-23 ta' Jannar 2003, Wieland bagħtiet dikjarazzjoni lill-Kummissjoni li kienet tinkludi talba sabiex, fil-kuntest tal-Każ COMP/E-1/38.069 (Pajpijiet tar-ram għall-plumbing), tibbenefika mill-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni.

- 8 Fil-kuntest tal-Każ COMP/E-1/38.069 (Pajpijet tar-ram għall-plumbing), fit-3 ta' Marzu 2003, il-Kummissjoni bagħtiet talbiet għal informazzjoni lill-grupp Boliden [kompost minn Boliden AB, Outokumpu Copper Fabrication AB (li kienet Boliden Fabrication AB) u Outokumpu Copper BCZ SA (li kienet Boliden Cuivre & Zinc SA)], lil HME Nederland BV (iktar 'il quddiem "HME") u lil Chalkor u fl-20 ta' Marzu 2003, bagħtiet ukoll lill-grupp IMI (kompost minn IMI plc, IMI Kynoch Ltd u Yorkshire Copper Tube).
- 9 Fid-9 ta' April 2003, ir-rappreżentanti ta' Chalkor iltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni u talbu, fil-kuntest tal-Każ COMP/E-1/38.069 (Pajpijet tar-ram għall-plumbing), l-applikazzjoni tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni.
- 10 Fid-29 ta' Awwissu 2003, il-Kummissjoni, fil-Każ COMP/E-1/38.069 (Pajpijet tar-ram għall-plumbing), adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet indirizzata lill-kumpanniji kkonċernati. Wara li l-imsemmija kumpanniji kellhom aċċess għall-fajl elettroniku, u wara li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, huma, bl-eċċeżżjoni ta' HME, ħadu sehem fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2003.
- 11 Fis-16 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2003) 4820 finali, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.240 — Pajpijet industrijali), li sommarju tagħha huwa ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-28 ta' April 2004 (ĠU L 125, p. 50).

## 2. *Id-deċiżjoni kkontestata*

- 12 Fit-3 ta' Settembru 2004, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni C (2004) 2826 dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ

COMP/E-1/38.069 — Pajpijiet tar-ram għall-plumbing) (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), li sommarju tagħha huwa ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta’ Lulju 2006 (ĠU L 192, p. 21).

- <sup>13</sup> Id-deċiżjoni kkontestata tinkludi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

“Artikolu 1

Is-segwenti impriżi kisru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81(1) [KE] u, b'effett mill-1 ta’ Jannar 1994, tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw, fil-perijodi msemmija, f’numru ta’ ftehim u prattiki miftehma li jikkonsistu fl-iffissar tal-prezzijiet u fit-tqassim bejniethom tas-swieq fis-settūr tal-pajpijiet tar-ram għall-plumbing:

- a) Boliden [...], *in solidum* ma’ [Outokumpu Copper Fabrication] u [Outokumpu Copper BCZ], mit-3 ta’ Ġunju 1988 sat-22 ta’ Marzu 2001;
- b) [Outokumpu Copper Fabrication], *in solidum* ma’ Boliden [...] u [Outokumpu Copper BCZ], mit-3 ta’ Ġunju 1988 sat-22 ta’ Marzu 2001;
- c) [Outokumpu Copper BCZ], *in solidum* ma’ Boliden [...] u [Outokumpu Copper Fabrication], mit-3 ta’ Ġunju 1988 sat-22 ta’ Marzu 2001;

d) Austria Buntmetall AG:

- i) *in solidum* ma' Buntmetall Amstetten [GmbH], mid-29 ta' Awwissu 1998 sat-8 ta' Lulju 1999 mill-inqas, u
- ii) *in solidum* ma' [Wieland] u Buntmetall Amstetten [...], mid-9 ta' Lulju 1999 sat-22 ta' Marzu 2001;

e) Buntmetall Amstetten [...]:

- i) *in solidum* ma' Austria Buntmetall [...], mid-29 ta' Awwissu 1998 sat-8 ta' Lulju 1999 mill-inqas, u
- ii) *in solidum* ma' [Wieland] u Austria Buntmetall [...], mid-9 ta' Lulju 1999 sat-22 ta' Marzu 2001;

f) [Chalkor], mid-29 ta' Awwissu 1998 sal-bidu ta' Settembru 1999 mill-inqas;

g) [HME] tad-29 ta' Awwissu 1998 sat-22 ta' Marzu 2001 mill-inqas;

h) IMI [...], *in solidum* ma' IMI Kynoch [...] u Yorkshire Copper Tube [...], mid-29 ta' Settembru 1989 sat-22 ta' Marzu 2001;

- i) IMI Kynoch [...], *in solidum* ma' IMI [...] u Yorkshire Copper Tube [...], mid-29 ta' Settembru 1989 sat-22 ta' Marzu 2001;
- j) Yorkshire Copper Tube [...], *in solidum* ma' IMI [...] u IMI Kynoch [...], mid-29 ta' Settembru 1989 sat-22 ta' Marzu 2001;
- k) [KME Germany]:
  - i) individualment, mit-3 ta' Ġunju 1988 sad-19 ta' Ġunju 1995, u
  - ii) *in solidum* ma' [KME France] u [KME Italy], mill-20 ta' Ġunju 1995 sat-22 ta' Marzu 2001;
- l) [KME Italy]:
  - i) *in solidum* ma' [KME France], mid-29 ta' Settembru 1989 sad-19 ta' Ġunju 1995, u
  - ii) *in solidum* ma' [KME Germany] u [KME France], mill-20 ta' Ġunju 1995 sat-22 ta' Marzu 2001;

m) [KME France]:

- i) *in solidum* ma' [KME Italy], mid-29 ta' Settembru 1989 sad-19 ta' Ġunju 1995, u
- ii) *in solidum* ma' [KME Germany] u [KME Italy], mill-20 ta' Ġunju 1995 sat-22 ta' Marzu 2001;

[...]

- s) Outokumpu [...], *in solidum* ma' [Luvata], mid-29 ta' Settembru 1989 sat-22 ta' Marzu 2001;
- t) [Luvata], *in solidum* ma' Outokumpu [...], mid-29 ta' Settembru 1989 sat-22 ta' Marzu 2001;
- u) [Wieland]:

- i) individualment mid-29 ta' Settembru 1989 sat-8 ta' Lulju 1999, u
- ii) *in solidum* ma' Austria Buntmetall [...] u Buntmetall Amstetten [...], mid-9 ta' Lulju 1999 sat-22 ta' Marzu 2001.

*Artikolu 2*

Is-segmenti multi huma imposta għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1:

- a) Boliden [...], [Outokumpu Copper Fabrication] u [Outokumpu Copper BCZ], *in solidum*: EUR 32.6 miljun;
- b) Austria Buntmetall [...] u Buntmetall Amstetten [...], *in solidum*: EUR 0.6695 miljun;
- c) Austria Buntmetall [...], Buntmetall Amstetten [...] u [Wieland], *in solidum*: EUR 2.43 miljun;
- d) [Chalkor]: EUR 9.16 miljun;
- e) [HME]: EUR 4.49 miljun;
- f) IMI [...], IMI Kynoch [...] u Yorkshire Copper Tube [...], *in solidum*: EUR 44.98 miljun;
- g) [KME Germany]: EUR 17.96 miljun;
- h) [KME Germany], [KME France] u [KME Italy], *in solidum*: EUR 32.75 miljun;

- i) [KME Italy] u [KME France], *in solidum*: EUR 16.37 miljun;
- j) Outokumpu [...] u [Luvata], *in solidum*: EUR 36.14 miljun;
- k) [Wieland], individualment: EUR 24.7416 miljun.

[...] [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

<sup>14</sup> Il-Kummissjoni kkunsidrat illi l-impriżi inkwistjoni kienu pparteċipaw fi ksur (iktar 'il-quddiem il-“kartell” jew il-“ksur inkwistjoni” wieħed, kontinwu, kumpless u fil-każ tal-grupp Boliden, tal-grupp KME u ta' Wieland, f'diversi forom. Il-Kummissjoni spjegat li l-ftehim nazzjonali, bħala tali, ma kinux koperti mid-deċiżjoni kkontestata (premessi 2 u 106 tad-deċiżjoni kkontestata).

#### *Prodotti u swieq inkwistjoni*

<sup>15</sup> Is-settur ikkonċernat, dak tal-fabbrikazzjoni tal-pajpijet tar-ram, jinkludi żewġ gruppi ta' prodotti, jiġifieri, minn naħa waħda, il-pajpijet industrijali, li jinqasmu f'sottogruppi differenti skont l-użu finali tagħhom (kondizzjonar tal-arja u tkessiħ, attrezzaturi, tisħin tal-ilma u tisħin bil-gass, filter dryers u telekomunikazzjonijiet), u min-naħħa l-oħra, il-pajpijet għall-plumbing, imsejħa wkoll “pajpijet tal-plumbing”, li huma użati fil-bini għall-installazzjonijiet tal-ilma, taż-żejt, tal-gass u tas-sħana (premessa 3 tad-deċiżjoni kkontestata).

- <sup>16</sup> Il-Kummissjoni kkunsidrat illi l-Każijiet COMP/E-1/38.069 (Pajpijet tar-ram għall-plumbing) u COMP/E-1/38.240 (Pajpijet industrijali) kienu jikkonċernaw żewġ iksur distinti. F'dan ir-rigward, hija bbażat ruħha prinċiparjament fuq il-fatt li "huma impriżi differenti (u membri differenti tal-personal ta' dawn l-impriżi" li kienu involuti fil-ftehim dwar il-pajpijet għall-plumbing, minn naħa waħda, u dwar il-pajpijet industrijali, minn-naħa l-oħra, ftelim li l-organizzazzjoni tagħhom ukoll kienet differenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-setturi tal-pajpijet għall-plumbing kien differenti minn dak tal-pajpijet industrijali f'dak li jirrigwarda l-klientela koperta, l-użu finali u l-karatteristiċi tekniċi tal-prodotti (premessi 4 u 5 tad-deċiżjoni kkontestata)
- <sup>17</sup> Fir-rigward tal-pajpijet tar-ram għall-plumbing, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni stabbilixxet illi dan il-grupp ta' prodotti kien jinkludi żewġ "sottofamilji" ta' prodotti: il-pajpijet tar-ram għall-plumbing ordinarji, minn naħa waħda, u l-pajpijet tar-ram għall-plumbing miksijin bil-plastik. Hija osservat illi "il-pajpijet tar-ram għall-plumbing ordinarji u l-pajpijet tar-ram għall-plumbing miksijin bil-plastik mhux huma interkambjabbi u li jistgħu jikkostitwixxu swieq ta' prodotti distinti fid-dawl tal-Att tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità" (ĠU Edizzjoni Speċjalisti bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 155). Madankollu, għall-finijiet tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset illi dawn iż-żewġ "sottofamilji" ta' prodotti kellhom jiġu kkunsidrati bħala 'l-istess grupp wieħed ta' prodotti [...] għaliex esenzjalment huma l-istess impriżi (u l-istess membri tal-personal ta' dawn l-impriżi) li huma involuti fil-ftehim dwar dawn iż-żewġ sottofamilji ta' prodotti u li l-ftehim kien organizzati b'mod simili" (premessi 13 u 459 tad-deċiżjoni kkontestata).
- <sup>18</sup> Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat ukoll illi s-suq ġeografiku rilevanti kien iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Hija kkalkolat illi, fl-2000, fizi-ŻEE, il-valur tas-suq tal-pajpijet tar-ram għall-plumbing ordinarji kien ta' madwar EUR 970.1 miljun u dak tas-suq tal-pajpijet tar-ram għall-plumbing miksijin bil-plastik kien ta' EUR 180.9 miljun. Konsegwentement, il-valur ta' dawn iż-żewġ swieq flimkien ġie

stmat fl-ammont ta' EUR 1 151 miljun fl-2000 fiż-ŻEE (premessi 17 u 23 tad-deċiżjoni kkontestata).

### *Komponenti tal-ksur inkwistjoni*

- <sup>19</sup> Il-Kummissjoni spjegat illi l-ksur inkwistjoni kien jidher fi tliet forom distinti, iżda konnessi (premessi 458 u 459 tad-deċiżjoni kkontestata). L-ewwel parti tal-kartell kienet tikkonsisti fil-ftehim konklużi bejn il-“produtturi SANCO”. It-tieni parti tal-ksur inkwistjoni kienet tinkludi l-ftehim konklużi bejn il-“produtturi WICU u Cuprotherm”. Fl-aħħar nett, it-tielet parti tal-kartell kienet tkopri l-ftehim konklużi fi ħdan l-ikbar grupp ta’ prodotturi ta’ pajpijet tar-ram għall-plumbing ordinarji, imsejħa “ftehim Ewropej imsaħħa”.

### Ftehim bejn il-“produtturi SANCO”

- <sup>20</sup> SANCO hija t-trade mark kif ukoll l-isem ta’ proċess tekniku spċificu għall-manifattura tal-pajpijet tar-ram għall-plumbing kontra l-korrużjoni ta’ kwalità superjuri. It-teknika ġiet brevettata fl-1980 mill-impriża Usines à cuivre et à zinc. Il-grupp Boliden kien id-detentur tal-privattiva inizjali tal-proċess tal-manifattura sakemm skada fl-2000, iżda ma kienx il-proprietarju tat-trade mark SANCO fil-pajjiżi kollha Ewropej. Il-kompetitut tiegħu, il-grupp KME, talab u kiseb ir-reġistrazzjoni tat-trade mark SANCO taħbi ismu stess f'diversi pajjiżi Ewropej. Sussegwentement, il-grupp KME bbrevetta ċertu numru ta’ titjib fuq il-brevett oriġinali u ż-żewġ

kompetituri taw lil xulxin liċenzji reċiproċi fuq il-brevetti u t-trade marks rispettivi tagħhom. Mill-1981 'i hawn, il-grupp KME u l-grupp Boliden taw liċenzja ta' trade mark u ta' brevett lil Wieland (premessi 115 sa 118 tad-deċiżjoni kkontestata).

- <sup>21</sup> Fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni kkunsidrat illi, mill-1998, il-ftehim bejn il-“produtturi SANCO” kienu jmorru lil hinn minn sempliċi relazzjoni bejn “konċedenti” u “detenturi” ta’ liċenzji. Fl-opinjoni tagħha, bejn il-produtturi, jiġifieri l-grupp KME, il-grupp Boliden u Wieland, minn Ġunju 1988 sal-aħħar tal-ewwel semestru tal-1994, kien hemm ftiehim dwar l-għanijiet tal-prezzijiet u r-rati ta’ skont kif ukoll dwar it-tqassim tal-bejgħ u tal-ishma tas-suq (iktar ’il quddiem il-“ftehim SANCO”). Is-sorveljanza tal-implementazzjoni ta’ dawn il-ftehim kienet ibbażata prinċipalparjament fuq il-komunikazzjoni, bejn il-“produtturi SANCO”, ta’ ċifri dwar il-produzzjoni u l-bejgħ tagħhom (premessi 125 sa 146 u 456 tad-deċiżjoni kkontestata).

#### Ftehim bejn il-“produtturi WICU u Cuprotherm”

- <sup>22</sup> WICU u Cuprotherm huma trade marks ta’ pajpijet tar-ram għall-plumbing mikṣijin bil-plastik li kienu s-suġġett ta’ brevetti.
- <sup>23</sup> It-trade mark WICU u l-brevetti relatati huma tal-grupp KME, li b'mod partikolari kkonċeda liċenzja ta’ trade mark u ta’ brevett lil Wieland. Min-naħa l-oħra, it-trade mark Cuprotherm u l-brevett relatat huma ta’ Wieland, li kkonċediet liċenzja ta’ trade mark u ta’ brevett lill-grupp KME (premessa 121 tad-deċiżjoni kkontestata).

- <sup>24</sup> Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-ftehim konklużi bejn il-grupp KME u Wieland dwar il-pajpjiet WICU u Cuprotherm kienu jmorru lil hinn minn sempliċi relazzjoni bejn “konċedenti” u “detenturi” ta’ liċenzji. Il-grupp KME u Wieland kellhom kuntatti antikompetittivi taħt il-forma ta’ skambju ta’ informazzjoni sensittiva u ta’ koordinazzjoni ta’ volumi u ta’ prezzijiet fir-rigward tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing miksijin bil-plastik (iktar ’il quddiem il-“ftehim WICU u Cuprotherm”) (premessa 149 tad-deċiżjoni kkontestata).

#### Ftehim Ewropej imsaħħha

- <sup>25</sup> Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat illi, parallelament mal-ftehim SANCO u mal-ftehim WICU u Cuprotherm, il-ksur inkwistjoni kellu tielet parti, li kienet tinkludi ftehim bejn membri ta’ grupp ikbar ta’ produtturi ta’ pajpjiet tar-ram għall-plumbing ordinarji (premessi 102, 104, 105, 108 sa 111, 147, 148, 461 u 462 tad-deċiżjoni kkontestata).
- <sup>26</sup> Fil-bidu, il-parteċipanti f’dan il-grupp ikbar kienu ħamsa, jiġifieri l-grupp KME, Wieland, il-grupp Outokumpu, il-grupp IMI u Mueller (iktar ’il quddiem il-“Grupp ta’ ħamsa”). Wara l-wasla ta’ Chalkor, ta’ HME, tal-grupp Boliden u tal-grupp Buntmetall (kompost minn Austria Buntmetall u minn Buntmetall Amstetten), in-numru ta’ parteċipanti f’dan il-grupp tela’ għal disgħa (iktar ’il quddiem il-“Grupp ta’ disgħa” (premessa 216 tad-deċiżjoni kkontestata).
- <sup>27</sup> Skont il-Kummissjoni, dawn id-disa’ parteċipanti pprovaw jistabilizzaw is-suq tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing ordinarji billi bbażaw ruħhom fuq l-ishma tas-suq ta’ sena ta’ referenza sabiex jipprevedu objettiv għal-ishma futuri tas-suq. Barra minn

hekk, fid-deċiżjoni kkontestata hija kkunsidrat illi l-imsemmija parteċipanti kienu ftehmu fuq skambji ta' informazzjoni sensittiva, fuq it-tqassim tal-ishma tas-suq, fuq is-sorveljanza tal-volumi ta' bejgħ, fuq mekkaniżmu ta' "mexxejja" għas-suq kif ukoll fuq koordinazzjoni tal-prezzijiet, li tinkludi lista ta' prezzijiet, l-applikazzjoni ta' "linji ta' prezzijiet" u ta' skontijiet (premessa 192 tad-deċiżjoni kkontestata).

*Tul u natura kontinwa tal-ksur inkwistjoni*

<sup>28</sup> Fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni rrilevat li l-ksur inkwistjoni kien beda fit-3 ta' Ġunju 1988 f'dak li jirrigwarda lill-grupp KME u lill-grupp Boliden, fid-29 ta' Settembru 1989 f'dak li jirrigwarda lill-grupp IMI, lill-grupp Outokumpu u lil Wieland, fil-21 ta' Ottubru 1997 f'dak li jirrigwarda lil Mueller u, mhux iktar tard mid-29 ta' Awwissu 1998 f'dak li jirrigwarda lil Chalkor, lill-grupp Buntmetall u lil HME. Għal dak li jikkonċerna d-data li fiha l-ksur intemm, il-Kummissjoni ddikjarat li din kienet it-22 ta' Marzu 2001, ġlief fil-każ ta' Mueller u Chalkor, li, skont il-Kummissjoni, waqfu jipparteċipaw fil-kartell fit-8 ta' Jannar 2001 u f'Settembru 1999 rispettivament (premessa 597 tad-deċiżjoni kkontestata).

<sup>29</sup> F'dak li jikkonċerna n-natura kontinwa tal-ksur inkwistjoni, fir-rigward tal-grupp Boliden, tal-grupp IMI, tal-grupp KME, tal-grupp Outokumpu u ta' Wieland, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat illi, minkejja li l-kartell kelli perijodi ta' attività inqas intensa bejn l-1990 u Diċembru 1992, minn naħa wahħda, u bejn Lulju 1994 u Lulju 1997, min-naħħal l-oħra, madankollu l-ksur qatt ma waqaf totalment, b'tali mod li l-ksur inkwistjoni kien effettivament jikkostitwixxi ksur wieħed mhux preskritt (premessi 466, 471, 476, 477 u 592 tad-deċiżjoni kkontestata).

- 30 Fir-rigward ta' HME, tal-grupp Buntmetall u ta' Chalkor, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni ma setgħetx tipprova l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kartell fil-perijodu ta' qabel id-29 ta' Awwissu 1998 (premessi 592 u 597 tad-deċiżjoni kkontestata).

*Determinazzjoni tal-ammont tal-multi*

- 31 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni imponiet multi, skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), kif ukoll skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, fuq il-grupp Boliden, fuq il-grupp Buntmetall, fuq Chalkor, fuq HME, fuq il-grupp IMI, fuq il-grupp KME, fuq il-grupp Outokumpu u fuq Wieland (premessa 842 u Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 32 L-ammonti tal-multi ġew stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-gravità u t-tul tal-ksur inkwistjoni, jiġifieri ż-żewġ kriterji espliċitement imsemmija fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, li skont id-deċiżjoni kkontestata, kienu applikabbi fil-mument tal-ksur inkwistjoni (premessi 601 sa 603 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 33 Sabiex tiffissa l-ammont tal-multa imposta fuq kull impriża, il-Kummissjoni applikat il-metodu stabbilit fil-linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat [FA] (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171), iktar 'il quddiem il-“linji gwida”), minkejja illi ma rreferietx għalihom b'mod sistematiku. Fid-deċiżjoni

kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll jekk, u sa fejn, l-impriżi kkonċernati kienu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti bl-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni.

## Ammont inizjali tal-multi

### — Gravità

<sup>34</sup> Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur inkwistjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat in-natura proprja tal-ksur, l-effett reali tiegħu fuq is-suq, il-portata tas-suq ġeografiku inkwistjoni u d-daqs tal-imsemmi suq (premessi 605 u 678 tad-deċiżjoni kkontestata).

<sup>35</sup> Hija sostniet illi l-prattiki tat-tqassim tas-swieq u l-ifissar tal-prezzijiet, bħal dawk msemmija f'din il-kawża, kien jikkostitwixxu, fihom infushom, ksur serju ħafna u kkunsidrat illi s-suq ġeografiku affettwat mill-kartell kien jikkorrispondi għat-territorju taż-ŻEE. Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll il-fatt li s-suq tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing kien settur industrijali importanti ħafna, li l-valur tiegħu kien stmat fl-ammont ta' EUR 1 151 miljun fiż-ŻEE fl-2000, l-aħħar sena sħiħa tal-kartell (premessi 606 u 674 sa 678 tad-deċiżjoni kkontestata).

<sup>36</sup> F'dak li jirrigwarda l-effett reali fuq is-suq, il-Kummissjoni rrilevat illi kien hemm provi biżżejjed illi juru li l-kartell kien iproduċa effetti fuq is-suq ikkonċernat b'mod totali,

partikolarmen fuq il-prezzijiet, anki jekk kien impossibbli li dawn jiġu kkwantifikati b'mod preċiż (premessi 670 u 673 tad-deċiżjoni kkontestata). Għall-finijiet ta' din il-konstatazzjoni, hija bbażat ruħha b'mod partikolari fuq diversi fatturi. L-ewwel nett, hija bbażat ruħha fuq l-implementazzjoni tal-akkordju filwaqt li rreferiet għall-fatt illi l-parteċipanti kienu skambjaw informazzjoni dwar il-volum tal-bejgħ u l-livelli tal-prezz (premessi 629 u 630 tad-deċiżjoni kkontestata).

- <sup>37</sup> It-tieni nett, hija kkunsidrat il-fatt li l-membri tal-kartell kellhom sehem sinjifikattiv, jiġifieri 84.6 %, tas-suq fiż-ŻEE (premessa 635 tad-deċiżjoni kkontestata).
- <sup>38</sup> It-tielet nett, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq tabelli, memoranda u noti miktuba, fil-kuntest tal-laqgħat tal-kartell, mill-membri ta' dan il-kartell. Dawn id-dokumenti kienu juru illi l-prezzijiet kienu għolew matul ċerti perijodi tal-kartell u li l-membri tal-kartell kellhom dħul addizzjonali meta mqabbel mal-perijodu preċedenti. Uħud minn dawn id-dokumenti kienu juru illi l-persuni involuti fil-kartell kkunsidraw illi dan kien ippermetta lill-impriżi kkonċernati jilħqu l-objettivi tal-prezz tagħhom. Il-Kummissjoni bbażat ruħha wkoll fuq id-dikjarazzjonijiet magħムula mis-Sur M, direttur preċedenti ta' waħda mill-kumpanniji tal-grupp Boliden, kif ukoll minn Wieland, mill-grupp Boliden u minn Mueller fil-kuntest tal-kooperazzjoni rispettiva tagħhom (premessi 637 sa 654 tad-deċiżjoni kkontestata).
- <sup>39</sup> Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kkonstatat illi l-ishma tas-suq rispettivi tal-parteċipanti fl-akkordju kienu baqgħu relattivament stabbli matul il-kartell kollu, anki jekk xi drabi l-klienti tal-parteċipanti nbidlu (premessa 671 tad-deċiżjoni kkontestata).

- <sup>40</sup> Minn dan il-Kummissjoni kkonkludiet illi l-impriżi kkonċernati kienu kkommettew ksur serju ħafna (premessa 680 tad-deċiżjoni kkontestata).

— Trattament differenzjat

- <sup>41</sup> Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni identifikat erba' gruppni li hija kkunsidrat bħala rappreżentattivi tal-importanza relativa tal-impriżi fil-ksur inkwistjoni. It-tqassim, mill-Kummissjoni, tal-membri tal-kartell f'diversi kategoriji, kien ibbażat fuq l-ishma tas-suq rispettivi tal-parteċipanti fil-kartell għall-bejgħ tal-prodotti kkonċernati fiż-ŻEE matul is-sena 2000. Konsegwentement, il-grupp KME ġie kkunsidrat bħala l-attur prinċipali fis-suq ikkonċernat u ġie ikklasifikat fl-ewwel kategorija. Il-gruppi Wieland (kompost minn Wieland u mill-grupp Buntmetall, li tiegħi Wieland kisbet il-kontroll f'Lulju 1999), IMI u Outokumpu ġew ikkunsidrati bħala operaturi ta' daqs medju fuq dan is-suq u ġew ikklasifikati fit-tieni kategorija. Il-grupp Boliden tqiegħed fit-tielet kategorija. Fir-raba' kategorija kien hemm HME u Chalkor (premessi 681 sa 692 tad-deċiżjoni kkontestata).

- <sup>42</sup> L-ishma tas-suq ġew stabbiliti abbażi tad-dħul mill-bejgħ, magħmul minn kull persuna li wettqet ksur, li kien ġej mill-bejgħ tal-pajpjiet għall-plumbing fuq is-suq konġunt tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing ordinarji u tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing miksijin bil-plastik. Għaldaqstant l-ishma tas-suq ta' impriżi li ma kinux ibiegħu pajpjiet WICU u Cuprotherm ġew ikkalkolati billi d-dħul mill-bejgħ tagħhom mill-pajpjiet tar-ram għall-plumbing ordinarji ġie diviż bid-daqs totali tas-suq tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing ordinarji u dawk miksijin bil-plastik (premessi 683 u 692 tad-deċiżjoni kkontestata).

- 43 Konsegwentement, il-Kummissjoni stabbilixxiet l-ammont inizjali tal-multi bħala EUR 70 miljun għall-grupp KME, EUR 23.8 miljun għall-gruppi Wieland, IMI u Outokumpu, EUR 16.1 miljun għall-grupp Boliden u EUR 9.8 miljun għal Chalkor u għal HME (premessa 693 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 44 Fid-dawl tal-fatt illi Wieland u l-grupp Buntmetall kienu impriżza waħda wara Lulju 1999, u li, sa ġunju 1995, KME France u KME Italy flimkien kienu impriżza distinta minn KME Germany, l-ammont inizjali tal-multi li ġie impost fuqhom rispettivament ġie stabbilit bil-mod segwenti: EUR 35 miljun għall-grupp KME (KME Germany, KME France u KME Italy *in solidum*); EUR 17.5 miljun għal KME Germany; EUR 17.5 miljun għal KME Italy u KME France *in solidum*; EUR 3.25 miljun għall-grupp Wieland; EUR 19.52 miljun għal Wieland u EUR 1.03 miljun għall-grupp Buntmetall (premessi 694 sa 696 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 45 Sabiex tiġi kkunsidrata n-neċċessità li l-multa tkun stabbilita f'livell li jiġi żgurat l-effett dissważiv tagħha, il-Kummissjoni żiedet l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq il-grupp Outokumpu b'50 %, u ġabitu għalhekk għal EUR 35.7 miljun, billi ikkunsidrat li d-dħul mill-bejgħ mondjali tiegħu, iktar minn EUR 5 biljun, kien jindika li huwa kellu daqs u saħħa ekonomika li jiġiustifikaw l-imsemmija żieda (premessa 703 tad-deċiżjoni kkontestata).

#### Ammont inizjali tal-multi

- 46 Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta illi l-Kummissjoni żiedet l-ammonti inizjali tal-multi b'10 % għal kull sena sħiħa tal-ksur u b'5 % għall-perijodi l-oħra

addizzjonal ta' sitt xhur jew iktar, imma ta' inqas minn sena. Għaldaqstant, ġie deċiż illi:

- peress li l-grupp IMI pparteċipa fil-kartell għal īdax-il sena u ħames xhur, fil-konfront tiegħu kellha tiġi applikata żieda ta' 110 % tal-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 23.8 miljun;
- peress li l-grupp Outokumpu pparteċipa fil-kartell għal īdax-il sena u ħames xhur, fil-konfront tiegħu kellha tiġi applikata żieda ta' 110 % tal-ammont inizjali tal-multa, stabbilita fl-ammont ta' EUR 35.7 miljun wara ż-żieda tagħha għal raġunijiet dissważivi;
- peress li l-grupp Boliden ipparteċipa fil-kartell għal tnax-il sena u disa' xhur, fil-konfront tiegħu kellha tiġi applikata żieda ta' 125 % tal-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 16.1 miljun;
- peress li Chalkor ipparteċipat fil-kartell għal tnax-il xahar, fil-konfront tagħha kellha tiġi applikata żieda ta' 10 % tal-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 9.8 miljun;
- peress li HME ipparteċipat fil-kartell għal sentejn u sitt xhur, fil-konfront tagħha kellha tiġi applikata żieda ta' 25 % tal-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 9.8 miljun;
- peress li l-grupp KME pparteċipa fil-kartell għal īdax-sn u seba' xhur, fil-konfront tiegħu kellha tiġi applikata żieda ta' 55 % tal-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 35 miljun;

- peress li KME Germany ipparteċipat fil-kartell għal seba' snin u xahrejn, fil-konfront tagħha kellha tīgħi applikata żieda ta' 70 % tal-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 17.5 miljun;
- peress li KME France u KME Italy ipparteċipaw fil-kartell għal ġumes snin u għaxxar xhur, fil-konfront tagħhom kellha tīgħi applikata żieda ta' 55 % tal-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 17.5 miljun;
- peress illi Wieland kienet ikkunsidrata, minn naħa waħda, responsabbli individwalment għal perijodu ta' disa' snin u disa' xhur u, min-naħħa l-oħra, responsabbli *in solidum* mal-grupp Buntmetall għal perijodu addizzjonali ta' sena u tmien xhur, fil-konfront tagħha ġew applikati, żieda ta' 95 % tal-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 19.52 miljun, li għaliha kienet responsabbli Wieland waħidha, u żieda ta' 15 % tal-ammont inizjali tal-multa ta' EUR 3.25 miljun, li għaliha Wieland u l-grupp Buntmetall kienu responsabbli *in solidum* (premessi 706 sa 714 tad-deċiżjoni kkontestata).

<sup>47</sup> Għaldaqstant, l-ammonti bażiċi tal-multi imposti fuq l-impriżi inkwistjoni huma s-segwenti:

- il-grupp KME: EUR 54.25 miljun;
- KME Germany: EUR 29.75 miljun;
- KME France u KME Italy (*in solidum*): EUR 21.13 miljun;

- il-grupp Buntmetall: EUR 1.03 miljun;
- il-grupp Wieland: EUR 3.74 miljun;
- Wieland: EUR 38.06 miljun;
- il-grupp IMI: EUR 49.98 miljun;
- il-grupp Outokumpu: EUR 74.97 miljun;
- Chalkor: EUR 10.78 miljun;
- HME: EUR 12.25 miljun;
- il-grupp Boliden: EUR 36.225 miljun (premessa 719 tad-deċiżjoni kkontestata).

#### Ċirkustanzi aggravanti u attenwanti

<sup>48</sup> L-ammont bażiku tal-multa imposta fuq il-grupp Outokumpu ġie miżjud b'50 % minħabba li dan kien reċidiv, peress illi kien id-destinatarju tad-Deċiżjoni

tal-Kummissjoni 90/417/KEFA, tat-18 ta' Lulju 1990, dwar proċedura skont l-Artikolu 65 [FA] dwar il-ftehim u l-prattiki miftehma tal-produtturi Ewropej ta' prodotti ċatti tal-azzar inossidabbi laminati bil-kesħha (ĠU L 220, p. 28) (premessi 720 sa 726 tad-deċiżjoni kkontestata).

- <sup>49</sup> Fir-rigward taċ-ċirkustanzi attenwanti, il-Kummissjoni kkunsidrat il-fatt illi l-gruppi KME u Outokumpu kienu tawha informazzjoni, fil-kuntest tal-kooperazzjoni rispettiva tagħhom, li ma hijiex koperta bl-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni.
- <sup>50</sup> Għaldaqstant, il-Kummissjoni naqqset l-ammont bażiku tal-multa imposta fuq il-grupp Outokumpu b'EUR 40.17 miljun, ammont li kien jikkorrispondi mal-multa li kienet tiġi imposta fuqu għall-perijodu ta' ksur minn Settembru 1989 sa Lulju 1997, id-determinazzjoni ta' liema kienet possibbli minħabba l-informazzjoni li huwa kien ta lill-Kummissjoni (premessi 758 sa 759 tad-deċiżjoni kkontestata).
- <sup>51</sup> Fir-rigward tal-grupp KME, l-ammont bażiku tal-multa li kienet imposta fuqu tnaqqas b'EUR 7.93 miljun minħabba l-kooperazzjoni tiegħu, li ppermettiet lill-Kummissjoni tistabbilixxi li l-ksur inkwistjoni kien jinkludi l-pajpjiet tar-ram għall-plumbing miksijin bil-plastik (premessi 760 u 761 tad-deċiżjoni kkontestata).

#### Applikazzjoni tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni

- <sup>52</sup> Bis-saħħha tal-punt D tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni, il-Kummissjoni tat-tnaqqis tal-ammont tal-multi ta' 50 % lill-grupp Outokumpu, ta' 35 % lill-grupp

Wieland, ta' 15 % lil Chalkor, ta' 10 % lill-grupp Boliden u lill-grupp IMI u ta' 35 % lill-grupp KME. HME ma bbenefikat minn l-ebda tnaqqis bis-saħħha ta' dan l-Avviż (premessa 815 tad-deċiżjoni kkontestata).

### Ammont finali tal-multi

<sup>53</sup> Bis-saħħha tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni stabbilixxiet l-ammonti tal-multi sabiex jiġu imposti fuq l-impriżi destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata kif ġej:

- il-grupp Boliden: EUR 32.6 miljun;
- il-grupp Buntmetall: EUR 0.6695 miljun;
- Chalkor: EUR 9.16 miljun;
- HME: EUR 4.49 miljun;
- il-grupp IMI: EUR 44.98 miljun;
- il-grupp KME: EUR 32.75 miljun;

- KME Germany: EUR 17.96 miljun;
- KME France u KME Italy (*in solidum*): EUR 16.37 miljun;
- il-grupp Outokumpu: EUR 36.14 miljun;
- il-grupp Wieland: EUR 2.43 miljun;
- Wieland: EUR 24.7416 miljun (premessa 842 tad-deċiżjoni kkontestata).

### **Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

<sup>54</sup> Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza, (li saret il-“Qorti Ĝeneralis”), fil-21 ta' Jannar 2005, ir-rikorrenti resqet dan ir-rikors.

<sup>55</sup> Peress li l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ĝeneralis nbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lit-Tmien Awla, li lilha, għaldaqstant, ġiet assenjata din il-kawża.

<sup>56</sup> Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ģeneralijogħġobha:

- tannulla l-Artikoli 1(f) u 2(d) tad-deċiżjoni kkontestata inkwantu jindikaw li ġiet imposta multa fuqha;
- sussidjarjament, tannulla l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

<sup>57</sup> Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ģeneralijogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

### **Id-dritt**

<sup>58</sup> Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi, ibbażati rispettivament fuq nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-parteċipazzjoni sfurzata tagħha fil-kartell, fuq il-kalkolu żbaljat tal-ammont inizjali tal-multa, fuq żieda żbaljata tal-ammont inizjali tal-multa minħabba t-tul, fuq nuqqas ta' kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi attenwanti, fuq applikazzjoni żbaljata tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni u fuq l-ammont sproporzjonat tal-multa.

- 59 Qabel ma jiġu eżaminati l-motivi mqajma mir-rikorrenti, għandu jiġi mfakkar illi mill-premessi 601 u 842 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta illi l-multi imposti mill-Kummissjoni minħabba l-ksur, ġew imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multi, il-Kummissjoni applikat il-metodoloġija ddefinita fil-linji gwida u fl-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni (ara l-punt 33 iktar 'il fuq).
- 60 Il-linji gwida, għalkemm ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala dispożizzjoni legali, jistipulaw regola ta' kondotta indikattiva tal-prassi li għandha tīgi segwita li l-Kummissjoni ma tistax tinjora, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet li huma kompatibbli mal-prinċipju ta' trattament ugwali (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, C-397/03 P, Ġabrap. I-4429, punt 91, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 61 Il-Qorti Ġenerali għandha għalhekk tivverifika, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità tal-multi imposti permezz tad-deċiżjoni kkontestata, jekk il-Kummissjoni eżerċitax is-setgħa diskrezzjonali tagħha skont il-metodu stipulat fil-linji gwida u, jekk tali qorti tikkonstata li l-Kummissjoni thieghdet minnu, hija għandha tivverifika jekk tali tbegħid huwiex iġġustifikat u mmotivat b'mod suffiċjenti skont il-liġi. F'dan ir-riġward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità, minn naħħa, tal-prinċipju nnifsu tal-linji gwida u, min-naħħa l-oħra, tal-metodu indikat fihom (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et al.* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabrap. p. I-5425, punti 252 sa 255, 266 sa 267, 312 u 313).
- 62 L-awtolimitazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni li tirriżulta mill-adozzjoni tal-linji gwida fil-fatt ma hijiex inkompatibbli maż-żamma ta' marġni ta' diskrezzjoni sostanzjali għall-Kummissjoni. Il-linji gwida fihom elementi ta' flessibbiltà differenti li jippermettu lill-Kummissjoni teżerċita s-setgħa diskrezzjonali tagħha inkonformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nru 17 u Nru 1/2003, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza Dansk Rørindustri *et al.* vs Il-Kummissjoni, punt 61 iktar 'il fuq, punt 267).

- <sup>63</sup> Għaldaqstant, fl-oqsma fejn il-Kummissjoni żammet marġni ta' diskrezzjoni, bħal pereżempju f'dak li jikkonċerna r-rata ta' żieda minħabba t-tul, l-istħarriġ tal-legalità mwettaq fuq dawn l-evalwazzjonijiet huwa limitat għal dak tan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Lulju 2005, Scandinavian Airlines System vs Il-Kummissjoni, T-241/01, Ġabro p. II-2917, punti 64 u 79).
- <sup>64</sup> Il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni u l-limiti li hija imponiet fir-rigward tagħha, bħala regola, ma jippreġudikawx l-eżerċizzju, mill-qorti, tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2004, JFE Engineering *et al.* vs Il-Kummissjoni, T-67/00, T-68/00, T-71/00 u T-78/00, Ġabro p. II-2501, punt 538), li jippermettilha tannulla, tnaqqas jew iżżejjid l-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Frar 2007, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, C-3/06 P, Ġabro p. I-1331, punti 60 sa 62 u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2003, General Motors Nederland u Opel Nederland vs Il-Kummissjoni, T-368/00, Ġabro p. II-4491, punt 181).

1. *Fuq il-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-parteċipazzjoni sfurzata tar-rikorrenti fil-kartell*

*L-argumenti tal-partijiet*

- <sup>65</sup> Ir-rikorrenti ssostni, sostanzjalment, li l-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell kienet essenzjalment ispirata mill-biża' li ssofri ritaljazzjoni mill-membri tal-Grupp ta' ħamsa, jiġifieri l-attur prinċipali tas-suq ikkonċernat. Hija tallega li kienet vittma, u mhux instigatur jew membru dominanti tal-kartell. Konsegwentement, hija ssostni li, minkejja illi hija kisret l-Artikolu 81 KE, l-ebda multa ma kellha tiġi imposta fuqha, jew li kellha tiġi imposta biss multa mnaqqsa, jew saħansitra waħda simbolika.

- <sup>66</sup> F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti tirreferi għal diversi deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni li fihom l-impriżi vittmi ta' sfurzar sabiex jipparteċipaw jew sabiex ikomplu jipparteċipaw fi ftehim antikompetitiv ma ngħataw l-ebda multa jew ġew ikkundannati multi li l-ammonti tagħhom kienu sostanzjalment imnaqqsa.
- <sup>67</sup> Insostenn tal-affermazzjoni tagħha illi hija kienet sofriet pressjoni, ir-rikorrenti tallega illi, peress li kienet impriża żgħira u relativament ġdida fuq is-swieq Ewropej tal-punent, minn żmien għall-ieħor, hija kellha bżonn tieħu sehem f'laqgħat industrijali sabiex tigħbi, b'mod legali, informazzjoni fuq is-suq tal-pajpjiet għall-plumbing. Għaldaqstant, meta hija ddeċidiet li tieħu sehem fil-laqgħa tat-28 ta' Awwissu 1998, li għaliha tirreferi l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, hija għamlet dan bil-konvizzjoni illi kienet ġiet mistiedna sabiex tiddiskutti d- "direttiva Ewropea dwar l-ilma tax-xorb" u kienet sorpriża bin-natura kollużiva tal-laqgħa. Fil-fatt, matul din il-laqgħa, ir-rikorrenti kienet vittma ta' sfurzar, li ġiegħiha tieħu sehem, b'mod passiv u sussidjarju, f'sitt laqgħat oħra.
- <sup>68</sup> Matul l-imsemmija laqgħat, il-mexxejja tas-suq f'kull wieħed mill-ħames pajjiżi kkonċernati, jiġifieri l-Ġermanja, ir-Renju Unit, Franzia, Spanja u l-Pajjiżi l-Baxxi, ipproponew objettivi ta' prezz u ta' skont għax-xhur sussegwenti. Madankollu, ir-rikorrenti ma bidlitx il-politika tagħha dwar il-prezzijiet u l-bejgħ fuq dawn il-ħames swieq tal-punent u l-esportazzjonijiet f'dawn il-pajjiżi xorta komplew jiżdiedu.
- <sup>69</sup> Ir-rikorrenti tirreferi wkoll għal varji dokumenti li jinsabu fil-fajl tal-Kummissjoni, li ġejjin b'mod partikolari mill-grupp KME u Wieland. Hija ssostni illi, fid-dawl tal-kuntest ta' "kospirazzjoni" li fih dawn id-dokumenti ġew redatti, huma jikkonfermaw, l-ewwel nett, li l-Grupp ta' ħamsa kellu l-intenzjoni li jintimida l-impriżi li rrifutaw li jċedu għat-talbiet tagħħom u, it-tieni nett, li t-theddid li sar fil-konfront tagħha matul

il-laqgħa tat-28 ta' Awwissu 1998 kien ġie ppjanat minn qabel u li hija kellha raġun tikkunsidrah bħala kredibbli.

- 70 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

- 71 L-ewwel nett, ir-riferiment li r-rikorrenti għamlet għad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni ma għandux jintlaqa' peress illi l-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix bħala qafas legali għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2003, Michelin vs Il-Kummissjoni, T-203/01, Ġabro p. II-4071, punt 292).
- 72 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat illi mill-ġurisprudenza jirriżulta illi l-pressjoni, eżerċitata minn impriżi u li hija intiża sabiex impriżi oħra jipparteċipaw fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, tkun kemm tkun kbira, ma teżentax lill-impriżi kkonċernata mir-responsabbiltà tagħha għall-ksur kommess, bl-ebda mod ma tibdel il-gravità tal-akkordju u ma għandhiex tkun ċirkustanza attenwanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti tal-multi, peress illi l-impriżi kkonċernata setgħet tirraporta l-eventwali pressjoni lill-awtoritajiet kompetenti u tagħmel ilment magħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni, punt 61 iktar 'il fuq, punti 369 u 370; sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2002, KE KELIT vs Il-Kummissjoni, T-17/99, Ġabro p. II-1647, punt 50, u tad-29 ta' Novembru 2005, Union Pigments vs Il-Kummissjoni, T-62/02, Ġabro p. II-5057, punt 63).
- 73 Għaldaqstant dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

*2. Fuq il-motiv ibbażat fuq il-kalkolu żbaljat tal-ammont inizjali tal-multa*

- <sup>74</sup> Permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni illi, meta ffissat l-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqha, il-Kummissjoni kkommettiet żball ta' liġi peress illi hija ma kkunsidratx l-ewwel nett, il-fatt li r-rikorrenti kienet ipparteċipat biss fit-tielet parti tal-kartell u, it-tieni nett, il-fatt li l-portata ġeografika tal-ftehim li fihom hija kienet ipparteċipat kienet limitata għal ħames pajjiżi.

*Fuq il-parteċipazzjoni limitata tar-rikorrenti fil-kartell*

L-argumenti tal-partijiet

- <sup>75</sup> Ir-rikorrenti ssostni li t-trattament differenzjat tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq l-ishma tas-suq tal-parteċipanti fil-kartell, ma huwiex bīżejjed u jikser il-prinċipju ta' trattament ugwal, peress illi d-differenza bejn l-ishma tas-suq tal-parteċipanti ma tirriflettix il-parteċipazzjoni limitata tagħha fil-kartell.

- <sup>76</sup> Skont ir-rikorrenti, huwa stabbilit illi l-ksur li għalihi hija kienet miżmuma responsabbi kien biss il-parteċipazzjoni tagħha, fil-kuntest tat-tielet parti tal-kartell, fil-kooperazzjoni illegali tal-Grupp ta' disgħa bejn Awwissu 1998 u April 1999 fi ħdan il-ftehim Ewropej imsaħħha.

- 77 Hija ssostni li kemm il-kooperazzjoni fi ħdan il-ftehim SANCO u l-ftehim WICU u Cuprotherm kif ukoll il-kooperazzjoni bejn il-membri tal-Grupp ta' ħamsa kienet iktar intensa minn dik bejn il-membri tal-Grupp ta' disgħha.
- 78 Ir-rikorrenti ssostni wkoll illi l-Kummissjoni kkonkludiet, b'mod żbaljat, fil-premessa 690 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju kienet għamlet l-aktivitajiet tal-kartell iktar effiċjenti. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti turi li hija qatt ma żammet mal-kwoti proposti fil-kuntest tal-ftehim Ewropej imsaħħa u li l-bejġħ tagħha lejn il-pajjiżi involuti fil-kartell, għall-kuntrarju, kien żdied matul il-parteċipazzjoni tagħha.
- 79 Ir-rikorrenti tikkonkludi li l-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqha kellu jitnaqqas sabiex jieħu inkunsiderazzjoni d-differenza fin-natura, fil-grad u fil-kwalità tal-involviment tagħha fil-kartell meta mqabbla mal-parteċipanti l-oħra.
- 80 Minn naħħa tagħha, il-Kummissjoni ssostni li mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta illi hija kkonstatat ksur wieħed, li fih tliet partijiet.
- 81 Hija tallega li, sabiex tiffissa l-ammont inizjali tal-multa, hija ma kellhiex tapplika distinżjoni, l-ewwel nett, bejn ir-rikorrenti u l-impriżi li pparteċipaw fil-ftehim SANCO u fil-ftehim WICU u Cuprotherm u, it-tieni nett, bejn il-membri tal-Grupp ta' ħamsa u l-membri tal-Grupp ta' disgħha.
- 82 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni tallega, f'dan ir-rigward, li l-parteċipazzjoni attiva tar-rikorrenti fil-kartell mit-28 ta' Awwissu 1998 sal-bidu ta' Settembru 1999 ma kinitx b'mod kwalitattiv jew kwantitattiv differenti minn dik tal-persuni l-oħra li wettqu

ksur. Hija tfakkar ukoll li l-fatt li ċerti impiži pparteċipaw fil-kartell fit-tul iktar minn oħrajn ma jibdilx il-gravità tal-ksur tagħhom. Il-parteċipazzjoni iktar fit-tul tiġi riflessa fiż-żieda tal-multa minħabba t-tul.

- 83 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni tfakkar illi hija ġurisprudenza stabbilita illi, sabiex jiġi evalwat l-effett reali tal-ksur kommess minn kull wieħed mill-parteċipanti, il-parti tad-dħul mill-bejgħ li ġej mill-merkanzija li hija s-suġġett tal-ksur hija tali li tagħti indikazzjoni ċara tal-kobor tal-ksur fuq is-suq ikkonċernat.
- 84 It-tqassim f'kategoriji differenti skont id-dħul mill-bejgħ li ġej minn prodotti li kienu s-suġġett ta' prassi restrittiva jwassal neċċessarjament għal ammonti inizjali tal-multi li huma bejn wieħed u ieħor l-istess, skont il-perċentwali tas-sehem tas-suq. Dan iwassal sabiex l-ammont inizjali ta' multa imposta fuq impiža li għandha sehem sinjifikattiv tas-suq jiġi ffissat f'livell ogħla minn dak ta' multa imposta fuq impiža li għandha sehem inqas tas-suq. Din hija r-raġuni li għaliha l-ammont inizjali tal-multi imposta fuq il-grupp KME kien iffissat bħala EUR 70 miljun, filwaqt li dak tal-multi imposta fuq Chalkor kienet biss ta' EUR 9.8 miljun. Dan l-approċċ bl-ebda mod ma jikser il-prinċipju ta' trattament ugħwali.
- 85 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ssostni illi huwa kontra l-ġurisprudenza illi tikkundanna impiža involuta f'żewġ jew fi tliet partijiet ta' kartell b'mod iktar sever minn impiža oħra li għandha l-istess sehem tas-suq, iżda li pparteċipat biss f'parti waħda ta' dan il-kartell (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabro p. 1825, punt 121, u tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, Ġabro p. I-8417, punt 91; sentenzi tal-Qorti Ġeneral ta-11 ta' Marzu 1999, British Steel vs Il-Kummissjoni, T-151/94, Ġabro p. II-629, punt 643, u tad-9 ta' Lulju 2003, Cheil Jedang vs Il-Kummissjoni, T-220/00, Ġabro p. II-2473, punt 91).

- <sup>86</sup> Fir-raba' lok, il-Kummissjoni tosserva illi ma hemmx provi li l-ftehim SANCO u l-ftehim WICU u Cuprotherm wasslu għall-kooperazzjoni iktar stretta b'mod sinjifikattiv mill-kooperazzjoni li kienet teżisti fi ħdan il-ftehim Ewropej imsaħħha. Ĝhaldaqstant, ma hemm l-ebda raġuni sabiex l-ewwel żewġ partijiet tal-kartell jiġu kkunsidrati bħala ksur iktar serju tar-regoli tal-kompetizzjoni milli t-tielet parti.
- <sup>87</sup> Fil-ħames lok, il-Kummissjoni tikkunsidra illi ma hemm l-ebda raġuni sabiex, fi ħdan il-ftehim Ewropej imsaħħha, il-membri tal-Grupp ta' ħamsa jiġu ddiferenzjati mill-erba' produtturi l-oħra, jiġifieri l-grupp Boliden, HME, il-grupp Buntmetall u Chalkor, peress li l-parteċipazzjoni ta' dawn tal-aħħar kienet sinjifikattiva għat-ħaddim tal-kartell u li kienu approfitaw minnu daqs il-parteċipanti l-oħra matul il-perijodu bejn l-1998 u l-2001.
- <sup>88</sup> Fis-sitt lok, il-Kummissjoni ssostni illi l-parteċipazzjoni ta' Chalkor għamlet l-aktivitajiet tal-kartell iktar effiċċenti. Is-sempliċi fatt illi l-membri tal-Grupp ta' ħamsa kienu stiednu lil Chalkor u tliet kumpanniji oħra sabiex jingħaqdu magħħom juri li dawn kienu importanti sabiex il-kartell ikun effiċċenti. Il-Kummissjoni ssostni illi l-fatt li Chalkor żiedet il-bejgħ tagħha matul il-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell ma jipprovax illi l-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-kartell ma saħħewx il-ftehim illegali. Iż-żieda fil-bejgħ setgħet tiġi spiegata minħabba effett staġjonali jew minħhabba l-fatt li Chalkor, wara ċertu żmien, kellha inqas skrupli li tqarraq bil-persuni l-oħra li wettqu ksur.
- <sup>89</sup> Fis-seba' lok, il-Kummissjoni ssostni illi, anki li kieku hija kkonstatat kooperazzjoni iktar intensa bejn ċerti destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata, din il-konstatazzjoni kellha twassal għall-impożizzjoni ta' multi inqas għolja għad-diestin tar-ġewwa. Ĝhaldaqstant, il-Kummissjoni ssostni illi, jekk il-Qorti Ġenerali għandha taċċetta l-argumenti ta' Chalkor fuq dan il-punt, ikollha taħseb, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tal-ġurisdizzjoni shiħha tagħha, li tibdel l-ammont tal-multi imposti fuq il-“produtturi

SANCO”, jiġifieri l-grupp KME, Wieland u l-grupp Boliden, minflok tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq Chalkor.

### Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġeneral

- <sup>90</sup> Preliminarjament, għandhom jiġu mfakkra l-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza fir-rigward tar-responsabbiltà individwali li tirriżulta minn ksur tal-Artikolu 81(1) KE, bħal kartell.
- <sup>91</sup> L-ewwel nett, fir-rigward tar-responsabbiltà għall-ksur bħala tali, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-fatt li impriża ma pparteċipatx b'mod dirett fl-elementi kostitwenti kollha ta' akkordju totali ma jeżentahieq mir-responsabbiltà għall-ksur tal-Artikolu 81(1) KE, jekk ikun stabbilit illi hija neċessarjament kienet taf, l-ewwel nett, li l-kollużjoni li fiha ħadet sehem kienet parti minn pjan globali, u t-tieni nett, li dan il-pjan globali kien ikopri l-elementi kostitwenti kollha tal-akcordju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, C-49/92 P, Ġabra p. I-4125, punt 87; sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Mejju 1998, Buchmann vs Il-Kummissjoni, T-295/94, Ġabra p. II-813, punt 121, u tat-8 ta' Lulju 2008, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-99/04, Ġabra p. II-1501, punti 130 u 131).
- <sup>92</sup> Wara li tistabbilixxi l-eżistenza ta' kartell u wara li tidentifika l-parteċipanti fi, il-Kummissjoni hija obbligata, sabiex timponi l-multi, tevalwa l-gravità tal-parteċipazzjoni ta' kull parteċipant. Dan jirriżulta kemm mill-ġurisprudenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 91 iktar 'il fuq, punti 90 u 150, u Dansk Rørindustri *et al.* vs Il-Kummissjoni, punt 61 iktar 'il fuq, punt 145; is-sentenza AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, punt 91 iktar 'il fuq, punt 133) kif ukoll mil-linji gwida li jipprovdu kemm trattament differenzjat f'dak li jirrigwarda l-ammont inizjali (ammont inizjali spċificu) kif ukoll it-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi aggravanti u attenwanti li jippermettu li jiġi aġġustat l-ammont inizjali,

b'mod partikolari abbażi tar-rwol attiv jew passiv tal-impriżi kkonċeranti fit-twettiq tal-ksur.

- <sup>93</sup> Madankollu, impriża qatt ma tista' tingħata multa li l-ammont tagħha huwa kkalkolat skont parteċipazzjoni f'kollużjoni li tagħha hija ma tinżammx responsabbi (sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2002, Sigma Tecnologie vs Il-Kummissjoni, T-28/99, ġabru p. II-1845, punti 79 sa 82).
- <sup>94</sup> Huwa fid-dawl tal-prinċipji hawn fuq imsemmija li l-ilment tar-rikorrenti, li l-Kummissjoni ma kkunsidratx il-parteċipazzjoni limitata tagħha fil-kartell, għandu jiġi eżaminat.
- <sup>95</sup> Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ftehim SANCO u fil-ftehim WICU u Cuprotherm.
- <sup>96</sup> F'dan il-kuntest, għandu jiġi mfakkar illi huwa stabbilit illi r-rikorrenti pparteċipat biss fil-ftehim Ewropej imsaħħa u li hija nżammet responsabbi biss għall-parteċipazzjoni tagħha f'din il-parti tal-kartell (premessa 461 tad-deċiżjoni kkontestata). Madankollu, il-Kummissjoni ma eżaminatx jekk persuna li wettqet ksur li tipparteċipa f'parti waħda biss ta' akkordju twettaqx ksur inqas serju, skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, minn persuna li wettqet ksur li, fil-kuntest tal-istess akkordju, tipparteċipa fil-partijiet kollha tiegħu. Din il-kwistjoni kienet partikolarmen importanti f'din il-kawża peress li r-rikorrenti ma nstabix responsabbi għaż-żewġ partijiet l-oħra tal-kartell, jiġifieri l-ftehim SANCO u l-ftehim WICU u Cuprotherm.

- 97 Fil-fatt, fil-premessa 689 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonkludiet illi ma kienx hemm lok li jintuża trattament differenzjat bejn il-persuni li wettqu ksur li pparteċipaw biss fil-ftehim Ewropej imsaħħa u dawk li pparteċipaw ukoll fil-ftehim SANCO, peress li l-kooperazzjoni fi ħdan il-ftehim SANCO ma kinitx iktar mill-qrib konsiderevolment minn dik eżistenti fi ħdan il-ftehim Ewropej imsaħħa.
- 98 Għandu jiġi kkonstatat illi r-raġunament tal-Kummissjoni huwa żbaljat, peress li paragun bejn l-intensità tal-partijiet differenti tal-kartell seta' eventwalment ikun rilevanti li kieku r-rikorrenti kienet involuta f'diversi partijiet tal-kartell, li ma kienx il-każ f'din il-kawża.
- 99 Fil-fatt, impriżza li r-responsabbiltà tagħha hija stabbilita fir-rigward ta' diversi partijiet ta' akkordju tikkontribwixxi iktar għall-effiċjenza u għall-gravità ta' dan l-akkordju minn persuna li wettqet ksur involuta f'parti waħda biss minn dan l-istess akkordju. Għaldaqstant, l-ewwel impriżza tikkommetti ksur iktar serju minn dak kommess mit-tieni waħda.
- 100 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat illi, skont il-prinċipju tan-natura individwali tal-pieni u ta' responsabbiltà personali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, matul l-evalwazzjoni tal-gravità relativa tal-parteċipazzjoni f'akkordju ta' kull persuna li wettqet ksur, il-fatt li ġerti persuni li wettqu ksur jistgħu ma jinżammux responsabbi, skont is-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 91 iktar 'il fuq, (punt 87), għall-partijiet kollha ta' dan l-akkordju.
- 101 Fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-linji gwida, din l-evalwazzjoni għandha neċċessarjament issir meta jiġi stabilit l-ammont inizjali speċifiku, peress illi t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi attenwanti jippermetti biss li jinbidel l-ammont bażiku tal-multa skont il-modalitajiet li bihom il-persuna li wettqet ksur implementat l-akkordju. Persuna li wettqet ksur li ma nżammitx responsabbi ta' ġerti partijiet ta' dan l-akkordju ma setgħetx kienet

involuta fl-implementazzjoni tal-imsemmija partijiet. Il-ksur tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni, minħabba l-portata limitata tal-ksur li tiegħu tinżamm responsabbli dik il-persuna, huwa inqas serju minn dak attribwit lill-persuni li wettqu ksur li pparteċipaw fil-partijiet kollha tal-ksur.

- <sup>102</sup> L-argument tal-Kummissjoni li l-membri kollha tal-ftehim Ewropej imsaħħa bbenefikaw mir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni implementata mill-“produtturi SANCO” ma jistax jintlaqa’ peress illi hija ma sabitx lir-rikorrenti responsabbli mill-parti tal-ksur inkwistjoni relatat mal-ftehim SANCO. F’dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevatt ukoll li l-effett antikompetitiv ta’akkordju fuq il-prezzijiet huwa tali li jista’ jwassal sabiex il-fornituri kollha preżenti fis-suq rilevanti jibbenfikaw minnu, u mhux biss l-impriżi membri tal-imsemmi akkordju.

- <sup>103</sup> Fir-rigward tas-sentenzi ċċitat fil-punt 85 iktar ’il fuq, invokati mill-Kummissjoni fir-replika tagħha, huwa bīżejjed li jiġi kkonstatat illi dawn ma jirrigwardawx il-kwistjoni jekk persuna li wettqet ksur li tinżamm responsabbli għal parti waħda biss tal-akkordju tikkommettiex ksur inqas serju minn persuna li wettqet ksur li, fil-kuntest tal-istess akkordju, tinżamm responsabbli għall-partijiet kollha.

- <sup>104</sup> Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż illi l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta’ trattament ugħali billi naqset milli tikkunsidra, waqt il-kalkolu tal-ammont tal-multi, il-fatt li, kuntrajamento għall-grupp KME, Wieland u l-grupp Boliden, ir-rikorrenti pparteċipat biss f'parti waħda tal-kartell, u għalhekk, billi ttrattat sitwazzjoni differenti bl-istess mod, mingħajr ma tali trattament ma kien oġġettivament iġġustifikat.

- <sup>105</sup> Fir-rigward tal-konklużjonijiet li għandhom jiġu misluta minn din il-konstatazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi, fir-rigward tal-ftehim SANCO, li l-Qorti Ġenerali żżid

l-ammonti tal-multi imposti fuq il-“produtturi SANCO” minflok ma tnaqqas il-multa imposta fuq ir-rikorrenti. Madankollu, il-Qorti Ģeneralni tqis, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, illi l-ammont inizjali użat mill-Kummissjoni huwa xieraq meta mqabbel mal-gravità li kienu jirrapreżentaw it-tliet partijiet tal-kartell flimkien u li kien hemm lok li l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq Chalkor jitnaqqas sabiex jiġi kkunsidrat il-fatt illi l-Kummissjoni kienet sabet lil din l-impriża responsabbi biss għall-parteċipazzjoni tagħha fit-tielet parti tal-kartell.

- <sup>106</sup> Barra minn hekk, l-argumenti tal-Kummissjoni esposti fil-punti 83 u 84 iktar ’il fuq għandhom jiġu skartati peress illi jistgħu jinftehma illi n-nuqqas ta’ parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ftehim SANCO kien ġie rifless b'mod suffiċċenti fl-ammont inizjali speċifiku tal-multa imposta fuqha. Dan l-argument huwa bbażat fuq il-premessa li s-sehem tas-suq ta’ Chalkor, li ma kinitx tbiegħ pajpjiet SANCO, kien ġie kkalkolat abbażi tat-total tad-dħul mill-bejgħ tal-produtturi tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing ordinarji, inkluż il-bejgħ tal-pajpjiet SANCO.
- <sup>107</sup> Il-ftehim SANCO u l-ftehim Ewropej imsaħħha kienu jirrigwardaw l-istess suq rilevanti, jiġifieri dak tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing ordinarji. Għaldaqstant, il-Kummissjoni, anki fin-nuqqas tal-ftehim SANCO, kellha tikkunsidra d-dħul mill-bejgħ tal-pajpjiet SANCO sabiex tikkalkola s-sehem tas-suq tar-rikorrenti fis-suq rilevanti.
- <sup>108</sup> Min-naħħa l-oħra, fir-rigward tal-ftehim WICU u Cuprotherm, is-sitwazzjoni hija differenti. Dawn il-ftehim kienu jirrigwardaw prodotti li ma setgħux jiġu sostitwiti bil-pajpjiet tar-ram għall-plumbing ordinarji. Fil-fatt, mill-premessa 459 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta illi pajpjiet tar-ram għall-plumbing ordinarji u pajpjiet tar-ram għall-plumbing mikṣiżin bil-plastik jikkostitwixxu swieq rilevanti distinti.

- 109 Għaldaqstant, bil-kalkolu tas-sehem tas-suq tar-rikorrenti, li kienet attiva fis-suq tal-pajpijet tar-ram għall-plumbing ordinarji, skont id-dħul mill-bejgħ magħmul fis-suq tal-pajpijet tar-ram għall-plumbing ordinarji u skont dak magħmul fis-suq tal-pajpijet tar-ram għall-plumbing miksijin bil-plastik, ir-rikorrenti effettivament ingħatat sehem tas-suq iżgħar, u ġħaldaqstant, ammont inizjali speċifiku inqas minn dak li kien jiġi iffissat li kieku s-sehem tas-suq tagħha kien ġie kkalkolat biss skont id-dħul mill-bejgħ magħmul fis-suq li fih hija effettivament ipparteċipat fil-kartell.
- 110 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-fatt li l-kooperazzjoni fi ħdan il-Grupp ta' ħamsa kienet iktar intensa minn dik eżistenti fi ħdan il-Grupp ta' disgħa kienx jiġiustifika trattament differenzjat fil-livell tal-multi, għandu jiġi rrilevat dan li ġej.
- 111 Il-Grupp ta' ħamsa u l-Grupp ta' disgħa operaw it-tnejn fil-kuntest tat-tielet parti tal-kartell, li għaliha r-rikorrenti hija miżmura responsabbi. Fil-premessa 690 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat illi l-fatt li r-rikorrenti ma kinitx parti mill-Grupp ta' ħamsa kien dovut għad-daqs tagħha. Ir-rikorrenti ma kkontestatx din il-konstatazzjoni.
- 112 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma għandhiex tiġi kkritikata illi kkonkludiet illi l-gravità tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ftehim Ewropej imsaħħa kienet ittieħdet inkunsiderazzjoni b'mod xieraq bit-tqassim tal-kategoriji tal-persuni li wettqu ksur li l-Kummissjoni għamlet abbażi tal-ishma tagħhom tas-suq.
- 113 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jinbidel biss l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti sabiex jirrifletti n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha fil-ftehim SANCO. Il-konsegwenzi konkreti ta' din il-bidla ser jiġu spjegati fil-punti 183 sa 186 iktar 'il quddiem.

*Fuq il-portata tas-suq ġeografiku li fih ir-rikorrenti pparteċipat fil-kartell*

### L-argumenti tal-partijiet

- <sup>114</sup> Essenzjalment, ir-rikorrenti tikkontesta l-fatt li l-Kummissjoni, filwaqt li kkunsidrat is-sehem tagħha fis-suq bħala bażi għat-trattament differenzjat, inkludiet il-bejgħ fil-Greċja wkoll, minbarra l-bejgħ fil-Ġermanja, fi Franzia, fi Spanja, fir-Renju Unit u fil-Pajjiżi l-Baxxi. Hija ssostni illi l-portata ġeografika tal-ftehim li fih hija pparteċipat bejn Awwissu 1998 u Settembru 1999 kienet limitata għall-Ġermanja, Franzia, Spanja, ir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi. Billi kkunsidrat il-bejgħ fil-Greċja, il-Kummissjoni żiedet is-sehem tas-suq tar-rikorrenti minn 2.2 għal 3.8 %, li tfisser żieda ta' 72 % tal-ammont inizjali tal-multa imposta.
- <sup>115</sup> Skont ir-rikorrenti, il-fatt illi hija pparteċipat fil-kartell wara theddid li sar fir-rigward tas-suq Grieg ma jfissirx illi l-Greċja kienet parti mit-territorju kopert bil-kartell. Fil-fatt, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tħawwad l-għan tal-kartell u l-metodi użati fil-kuntest ta' dan il-kartell.
- <sup>116</sup> L-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni li r-rikorrenti bbenefikat mill-ftehim taċitu antikompetittiv fuq is-swiegħ tal-oriġini ta' kull persuna li wettqet ksur ma humiex sostnuti mill-provli jinsabu fil-fajl. Barra minn hekk, l-asserżjonijiet tal-Kummissjoni kienu kontradetti bi provi konvinċenti. F'dan ir-rigward, ma kien hemm xejn li jindika li, minbarra l-membri tal-Grupp ta' ħamsa u l-parcipanti fil-ftehim SANCO, il-parcipanti l-oħra fil-kartell ftehma sabiex jillimittaw, jew fil-fatt illimitaw, il-bejgħ tagħhom fil-Greċja. Fil-verità, l-importazzjonijiet tal-kompetituri tar-rikorrenti fil-Greċja żdiedu minn 3 263 tunnellati fl-1997 għal 3 548 tunnellati fl-1999. Barra

minn hekk, l-esportazzjonijiet tar-rikorrenti lejn Franzia, il-Ġermanja, ir-Renju Unit u Spanju żdiedu minn 4 135 tunnellati fit-tieni semestru tas-sena 1998 għal 5 201 tunnellati fl-ewwel semestru tas-sena 1999, jiġifieri żieda ta' 26 %.

<sup>117</sup> Skont ir-rikorrenti, l-allegazzjoni li hija pparteċipat f'politika antikompetittiva fuq is-swieq tal-oriġini ta' kull parteċipant fil-kartell għaliex hija żiedet l-esportazzjonijiet tagħha, ma tagħmlx sens. Fil-fatt, l-ewwel nett, hija kienet injorat l-eżistenza ta' tali ftehim u, it-tieni nett, hija ma pparteċipatx fil-kartell sabiex tipproteġi s-suq nazzjonali tagħha, iżda minħabba biża' ta' ritaljazzjoni, jiġifieri dumping, mill-Grupp ta' ħamsa fuq is-suq Grieg.

<sup>118</sup> Il-Kummissjoni titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.

#### Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

<sup>119</sup> Għandu jiġi mfakkar illi l-Kummissjoni, skont il-punt 1 A tal-linji gwida, setgħet tikkunsidra l-portata tas-suq ġeografiku rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur inkwistjoni.

<sup>120</sup> F'din il-kawża, hija kkonkludiet li t-territorju taż-ŻEE kien is-suq ġeografiku rilevanti affettwat mill-kartell (premessa 17 tad-deċiżjoni kkontestata). Din il-konklużjoni ma għixx ikkontestata mir-rikorrenti. Din tal-aħħar tallega biss li l-ksur li għaliex hija nstabet resopnsabbli kien ikopri biss il-Ġermanja, Franzia, Spanja, ir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi. Dan l-argument ma għandux jiġi aċċettat.

- 121 Fil-fatt, peress li s-suq ġeografiku rilevanti kien jikkorrispondi mat-territorju taż-ŻEE, għandu jiġi konkluż illi, anki jekk is-suq Grieg ma kienx affettwat mill-ksur inkwisjtoni, il-Kummissjoni kienet korretta meta kkunsidrat il-bejgħ tar-rikorrenti fil-Greċja, fil-kalkolu tal-ammont tal-multa tagħha.
- 122 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

*3. Fuq il-motiv ibbażat fuq iż-żieda żbaljata tal-ammont inizjali tal-multa minħabba t-tul tal-kartell*

- 123 Ir-rikorrenti tafferma illi, peress illi l-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju damet inqas minn tħalli xahar, il-Kummissjoni wettqet żball manifest billi mal-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqha, applikat żieda ta' 10 % minħabba t-tul tal-parteċipazzjoni tagħha. Sussidjarjament, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kellha tapplika żieda inqas sinjifikattiva fil-konfront tagħha.

*Fuq it-tul tal-parteċipazzjoni fil-kartell*

L-argumenti tal-partijiet

- 124 Ir-rikorrenti tafferma li l-punt tat-tluq tal-ksur li hija kkundannata għalih għandu jkun id-data li fiha hija pparteċipat għat-tieni darba f'laqqha kollużiva, jiġifieri l-10 ta' Settembru 1998, u mhux id-data li fiha hija attendiet għall-ewwel darba laqgħa tal-kartell, jiġifieri t-28 jew id-29 ta' Awwissu 1998. Hijha ssostni li ma kinitx

taf dwar l-għan reali u n-natura kollużiva tal-laqgħa li saret f'Awwissu 1998 sakemm ir-rappreżentanti tagħha pparteċipaw fiha. B'riferiment għal nota interna magħmula minn wieħed mill-impiegati tagħha preżenti għal din il-laqgħa, hija ssostni illi, hija ma kienet taqbel mal-ebda aġir illegali matul dik il-laqgħa. Ir-rappreżentanti tagħha espressament irrifutaw illi jaċċettaw it-talbiet li sarulhom u spjegaw illi huma kellhom jikkonsultaw mad-diretturi ta' Chalkor.

- <sup>125</sup> Fir-rigward tad-data li fiha r-rikorrenti temmet il-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell, hija ssostni li din kienet meta waqfet tipparteċipa fl-aktivitajiet tal-kartell u mhux fil-jum meta l-membri l-oħra tal-kartell saru jafu bl-irtirar tagħha mill-kartell. Ir-rikorrenti tfakkar li hija ma baqgħetx tipparteċipa fil-laqgħat tal-kartell f'April 1999, minkejja li sa Awwissu 1999 hija baqgħet, ta' kull xahar, tibgħat l-informazzjoni kunfidenzjali tagħha lill-kompetituri tagħha, bl-aħħar informazzjoni tikkonċerna x-xahar ta' Lulju 1999. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ssostni li l-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell spiċċat f'Lulju 1999 jew mhux iktar tard minn Awwissu 1999.
- <sup>126</sup> Konsegwentement, ir-rikorrenti tqis illi l-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell damet inqas minn tħażżej tħalli u li, kif jirriżulta mil-linji gwida, ma kellha tiġi applikata l-ebda żieda fl-ammont inizjali tal-multa minħabba t-tul tal-parteċipazzjoni.
- <sup>127</sup> Il-Kummissjoni titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.

### Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- <sup>128</sup> Preliminarnament, għandu jiġi osservat illi, minkejja li r-rikorrenti ssollevat dan l-ilment sabiex tikseb tnaqqis fl-ammont tal-multa imposta fuqha, hija fil-fatt tikkonċesta wkoll il-legalità tal-Artikolu 1(f) tad-deċiżjoni kkontestata, li jipprovdli li

l-ksur imputat lilha kien ikopri l-perijodu mhux iktar tard mid-29 ta' Awwissu 1998 sal-bidu tax-xahar ta' Settembru 1999.

- <sup>129</sup> Għandu jiġi osservat ukoll illi l-Artikolu 81(1) KE japplika biss meta jkun hemm intenzjoni komuni bejn minn tal-inqas żewġ partijiet, il-forma ta' liema ma hijiex importanti sakemm din il-forma tkun l-espressjoni fidila ta' dawn l-intenzjonijiet (sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-26 ta' Ottubru 2000, Bayer vs Il-Kummissjoni, Ġabro, p. II-3383, punt 69).
- <sup>130</sup> Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta illi huwa suffiċjenti li l-Kummissjoni turi li l-impriża kkonċernata ġadet sehem f'laqgħat bejn kompetituri ta' natura manifestament antikompetittiva, sabiex jiġi pprovat b'mod suffiċjenti skont il-liġi, is-sehem tal-imsemmija impriża fl-akkordju. Meta tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni f'dawn il-laqgħat, hija din l-impriża li għandha tressaq provi tali li jistabbilixxu li l-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmija laqgħat ma kellha ebda intenzjoni antikompetittiva, billi turi li kienet indikat lill-kompetituri tagħha li hija kienet qiegħda tieħu sehem f'dawn il-laqgħat b'perspettiva differenti minn tagħhom (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 1999, Hüls vs Il-Kummissjoni, C-199/92 P, Ġabro p. I-4287 punt 155).
- <sup>131</sup> F'din il-kawża, huwa stabbilit illi, mhux iktar tard mid-29 ta' Awwissu 1998, Chalkor ipparteċipat f'laqgħa fil-kuntest tal-kartell u li hija saret taf, mhux iktar tard minn din il-laqgħa, bin-natura manifestament antikompetittiva tagħha. Ir-rikorrenti ma setgħetx turi illi kienet indikat lill-parteċipanti l-oħra f'din il-laqgħa li kienet qed tieħu sehem fiha b'perspettiva differenti minn tagħhom u li kienet topponi l-idea ta' kollużjoni fis-suq tal-pajpjiet tar-ram għall-plumbing.
- <sup>132</sup> Min-naħal l-oħra, kif tallega l-Kummissjoni, in-noti interni tar-rikorrenti iktar jindikaw illi, matul din il-laqgħha, ir-rappreżentanti ta' Chalkor kienu inkwetati dwar il-kwota

li nghatatalhom u li ma opponewx l-idea ta' kollużjoni (Premessa 326 tad-deċiżjoni kkontestata). L-argument tar-rikorrenti illi matul din il-laqgħa r-rappreżentanti tagħha kien indikaw li riedu jikkonsultaw mad-diretturi tagħhom seta' kien rilevanti li kieku kienet astjeniet milli tipparteċipa fil-laqgħat kollużorji ta' wara, ħaġa li hija ma għamlitx.

- <sup>133</sup> Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż illi l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkonkludiet illi l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-kartell bdiet mhux iktar tard mid-29 ta' Awwissu 1998.
- <sup>134</sup> Fir-rigward tad-data li fiha r-rikorrenti temmet il-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell, għandu jiġi rrilevat illi, fil-kuntest tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni, li kienet waħda mill-elementi kostitwenti tal-kartell (premessi 450 u 486 tad-deċiżjoni kkontestata), il-partijiet ftehma li kull xahar jibgħatu l-informazzjoni tagħhom lill-amministratur tas-sistema (premessa 306 u 308 tad-deċiżjoni kkontestata).
- <sup>135</sup> Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' waqfien formali tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ftehim, għandu jiġi kkonstatat illi l-irtirar tar-rikorrenti fl-imsemmi ftehim sar effettiv biss, mhux iktar kmieni mill-mument li fih hija naqset mill-obbligu ta' kull xahar tagħha li tibgħat informazzjoni sensittiva, jiġifieri, f'Settembru 1999.
- <sup>136</sup> Minn dan jirriżulta illi l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta ddikjarat lir-rikorrenti responsabbli għall-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell sal-bidu ta' Settembru 1999. Għaldaqstant, l-ilment dwar it-tul tal-parteċipazzjoni ta' Chalkor fil-kartell għandu jiġi miċħud.

## Fuq ir-rata ta' żieda

### L-argumenti tal-partijiet

- <sup>137</sup> Ir-rikorrenti ssostni illi, anki jekk jiġi pprovat illi l-parteċipazzjoni tagħha damet tħax-il xahar, ir-rata taż-żieda tal-multa ta' 10 % għal kull sena ta' ksur kienet sproporzjonata. F'dan ir-rigward, hija ssostni illi l-intensità tal-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell naqset wara April 1999 u li l-Kummissjoni kellha żżid l-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqha b'inqas minn 10 % sabiex tikkunsidra dan it-tnaqqis ta' intensità. F'dan ir-rigward, hija tirreferi għal diversi deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni.
- <sup>138</sup> Ir-rikorrenti tallega wkoll illi l-paragun ta' żidiet differenti skont it-tul applikata għad-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata tikkonferma li ż-żieda li ġiet applikata lilha ma kinitx ġusta. B'mod partikolari, fil-konfront tal-grupp Outokumpu ġiet applikata żieda ta' 110 % tal-ammont inizjali tal-multa tiegħu minħabba parteċipazzjoni ta' ħdax-il sena u ħames xhur, li jfisser illi l-hħames xhur ma ġewx ikkunsidrati. Dan il-perijodu ta' ħħames xhur huwa ekwivalenti għal kważi nofs it-tul tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-kartell u strettament għal iktar min-nofs it-tul tal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat ikkonestinati. L-istess jgħodd għall-grupp Boliden, peress lil-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqu kien suġġett għal żieda ta' 125 % minħabba parteċipazzjoni ta' tħax-il sena u disa' xhur. L-erba' xhur ta' parteċipazzjoni li ma ttieħdu inkunsiderazzjoni kienu jikkorrispondu għal nofs it-tul tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-laqgħat ikkonestinati.
- <sup>139</sup> Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- <sup>140</sup> Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat illi d-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni invokati mir-rikorrenti ma humiex rilevanti, peress illi l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni ma sserviex bħala qafas legali għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni (ara l-punt 71 iktar 'il fuq).
- <sup>141</sup> Għandu jiġi mfakkar ukoll illi żieda fl-ammont inizjali tal-multa abbażi tat-tul ma hijiex limitata għall-każ fejn hemm relazzjoni diretta bejn it-tul u dannu ikbar ikkawżat lill-għanijiet previsti fir-regoli tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Michelin vs Il-Kummissjoni, punt 71 iktar 'il fuq, punt 278, u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, mil-linji gwida jirriżulta li l-Kummissjoni ma stabbiliet l-ebda sovrpożżizzjoni u lanqas interindipendenza bejn l-evalwazzjoni tal-gravità u dik tat-tul tal-ksur.
- <sup>142</sup> Għall-kuntrarju, fl-ewwel lok, mill-istruttura tal-linji gwida jirriżulta li dawn jipprevedu l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur bħala tali sabiex jiġi stabbilit ammont inizjali tal-multa. Fit-tieni lok, il-gravità tal-ksur hija analizzata fir-rigward tal-karatteristiċi tal-impriża kkonċernata, b'mod partikolari, id-daqs tagħha u l-pożizzjoni tagħha fis-suq rilevanti, fatt li jista' jagħti lok għal bilanċ tal-ammont inizjali, għat-tqassim tal-impriżi f'kategoriji u għall-iffissar ta' ammont inizjali speċifiku. Fit-tielet lok, it-tul tal-ksur huwa meħud inkunsiderazzjoni għall-iffissar tal-ammont bażiku u, fir-raba' lok, il-linji gwida jipprevedu t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi aggravanti u attenwanti li jippermettu li jiġi aġġustat l-ammont inizjali, b'mod partikolari abbażi tar-rwol attiv jew passiv tal-impriżi kkonċernati fit-twettiq tal-ksur.

- 143 Minn dan isegwi li s-sempliċi fatt li l-Kummissjoni rriżervat possibbiltà ta' żieda għal kull sena ta' ksur, fir-rigward ta' ksur ta' tħażżej xahar jew iktar, sa 10 % tal-ammont stabbilit għall-gravità tal-ksur, bl-ebda mod ma jobbligaha tiffissa din ir-rata abbażi tal-intensità tal-attivitàjet tal-akkordju jew tal-effetti tiegħu, jiġifieri skont il-gravità tal-ksur. Fil-fatt, hija l-Kummissjoni li għandha tagħżel, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' tagħha (ara l-punt 63 iktar 'il fuq), ir-rata ta' żieda li hija għandha l-intenzjoni tapplika għat-tul tal-ksur.
- 144 F'din il-kawża, il-Kummissjoni kkonstatat illi r-rkorrenti kienet ipparteċipat fil-ksur matul tħażżej xahar u, konsegwentement, żiedet l-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqha b'10 %. Billi għamlet dan, il-Kummissjoni ma tbegħdix mir-regoli li hija stabbilixxiet għaliha nnifisha fil-linji gwida.
- 145 Fl-ewwel lok, l-approċċ tal-Kummissjoni li kien jikkonsisti fiż-żieda tal-ammont inizjali tal-multa b'10 % għal kull sena sħiħa u b'5 % għal kull perijodu supplimentari ugwali għal jew iktar minn sitt xħur (ara l-punt 46 iktatr 'il fuq) ma jagħtix lok, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, għal differenzi sostanzjali bejn il-persuni li wettqu ksur. Għaldaqstant, ma hemmx lok illi l-Qorti Ġenerali tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni b'dik tagħha f'dak li jirrigwarda r-rata taż-żieda applikata minħabba t-tul.
- 146 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta illi dan il-motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

*4. Fuq il-motiv ibbażat fuq nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-waqfien volontarju tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-kartell*

*L-argumenti tal-partijiet*

- <sup>147</sup> Ir-rikorrenti ssostni illi l-Kummissjoni kellha tikkunsidra, bħala ċirkustanza attenwanti, il-fatt illi hija kienet irtirat volontarjament mil-laqgħat tal-kartell fl-1999, qabel ma l-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni tagħha. Ir-rikorrenti tqis illi, jekk l-affermazzjoni tal-Kummissjoni illi l-parteċipazzjoni tagħha saħħet l-attivitajiet tal-kartell hija korretta, l-irtirar volontarju tagħha kella jdgħajjef l-attivitajiet tal-kartell.
- <sup>148</sup> Ir-rikorrenti tinnota li l-linji gwida jipprovdu illi l-Kummissjoni tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq impriżza meta din ittemm il-ksur sa mill-ewwel interventi tal-Kummissjoni, b'mod partikolari matul iż-żjarat ta' verifika.
- <sup>149</sup> Min-naħħa l-oħra, l-irtirar minn akkordju qabel il-bidu tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni ma ġiex ikkunsidrat bħala ċirkustanza attenwanti mil-linji gwida. Ir-rikorrenti ssostni illi jkun illoġiku kif ukoll “ġustizzja ħażina” u “politika ħażina” li ma jingħata l-ebda benefiċċju lill-impriżzi li volontarjament jirtiraw minn akkordju. Ir-rikorrenti tikkonkludi illi l-waqfien volontarju tal-parteċipazzjoni għandu jiġi kkunsidrat bħala ċirkustanza attenwanti fil-kuntest tal-iffissar tal-ammont tal-multa. Kull konklużjoni oħra tkun inkompatibbli mal-għan tal-politika tal-Kummissjoni fil-qasam tal-multa, jiġifieri d-dissważjoni. Il-waqfien volontarju ta' ksur ma jirrikjedi l-ebda element ta' dissważjoni.

150 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

151 Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat illi mill-ġurisprudenza jirriżulta illi l-Kummissjoni ma għandha l-ebda obbligu li tagħti, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonal tagħha, tnaqqis tal-multa għall-waqfien ta' ksur li kien digħi ntemm qabel id-data tal-ewwel interventi tal-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2007, BASF u UCB vs Il-Kummissjoni, T-101/05 u T-111/05, Ġabra p. II-4949, punt 128, u l-ġurisprudenza ċċitata).

152 Barra minn hekk, il-fatt li Chalkor temmet volontarjament il-ksur tagħha qabel il-bidu tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni kien ittieħed inkunsiderazzjoni biżżejjed fil-kalkolu tat-tul tal-perijodu tal-ksur deċiż fil-konfront tagħha, b'tali mod illi hija ma tistax tinvoka t-tielet inċiż tat-tielet punt tal-linji gwida.

153 Għaldaqstant, dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

*5. Fuq il-motiv ibbażat fuq tnaqqis insuffiċjenti tal-ammont tal-multa, fid-dawl tal-kooperazzjoni tar-rikorrenti skont l-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni*

*L-argumenti tal-partijiet*

154 Ir-rikorrenti tqis illi, fid-dawl tal-benefiċċju li nkiseb bil-kooperazzjoni tagħha fit-tmexxija tal-investigazzjoni, hija kellha, bis-saħħha tal-punt D tal-Avviż tal-1996 dwar

il-kooperazzjoni, tibbenefika minn tnaqqis iktar sinjifikattiv tal-ammont tal-multa tagħha minn dak mogħti, jiġifieri ta' 15 %. Hija tenfasizza illi hija setgħet tagħżel li ma tikkooperax mal-Kummissjoni u li żżomm ħafna mill-provi fil-pussess tagħha.

- <sup>155</sup> F'dan ir-rigward hija ssostni, l-ewwel nett, illi hija volontarjament u mal-ewwel tat lill-Kummissjoni, fl-istess stadju tal-proċedura bħall-grupp KME u Wieland, l-informazzjoni kollha rilevanti fil-pussess tagħha, it-tieni nett illi l-informazzjoni li hija tat kienet iddettaljata u ntużat fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni, u fl-aħħar nett, li minħabba l-parteċipazzjoni limitata tagħha fil-kartell hija ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti l-istess kwantità ta' informazzjoni bħal dik mogħtija mill-gruppi KME u Outokumpu jew minn Wieland.
- <sup>156</sup> Ir-rikorrenti ssostni wkoll illi huwa diffiċċi tifhem ir-raġunijiet għalfejn il-gruppi Outokumpu u KME kisbu tnaqqis sostanzjali tal-ammont tal-multi imposti fuqhom minn dak mogħti lilha.
- <sup>157</sup> Insostenn tal-affermazzjoni tagħha illi r-rata ta' tnaqqis applikata għall-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha ma kinitx bizzżejjed, ir-rikorrenti tirreferi wkoll għad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni.
- <sup>158</sup> Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tinnota illi kemm il-grupp Boliden kif ukoll il-grupp IMI kisbu tnaqqis ta' 10 % għaliex ma kkontestawx il-fatti esposti fid-dikjarazzjoni tal-oġġeżżonijiet. Għaldaqstant, peress li hija għamlet l-istess, hija kellha, minħabba l-kooperazzjoni tagħha, tibbenefika minn tnaqqis iktar sinjifikattiv minn dak effettivament miksub.
- <sup>159</sup> Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġeneral*

- <sup>160</sup> Fl-ewwel lok għandu jiġi rrilevat illi r-riferimenti tar-rikorrenti għal deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni ma humiex rilevanti peress illi l-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sserviex bħala qafas legali għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni (ara l-punt 71 iktar 'il fuq).
- <sup>161</sup> Fit-tieni lok, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, tnaqqis tal-multa fuq il-bażi tal-kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva huwa bbażat fuq il-kunsiderazzjoni li kooperazzjoni bħal din tiffaċilita d-dmir tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur (sentenzi tal-Qorti Ġeneral tal-14 ta' Mejju 1998, BPB de Eendracht vs Il-Kummissjoni, T-311/94, Ġabro p. II-1129, punt 325, u Finnboard vs Il-Kummissjoni, T-338/94, Ġabro p. II-1617, punt 363).
- <sup>162</sup> Fl-aħħar nett għandu jiġi rrilevat illi, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kooperazzjoni pprovduta mill-membri ta' akkordju, żball manifest ta' evalwazzjoni minn naħħa tal-Kummissjoni biss jista' jkun iċċensurat peress li hija tibbenefika minn marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex tevalwa l-kwalità u l-utilità tal-kooperazzjoni pprovduta minn impriża, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ta' impriżi oħrajn (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-328/05 P, Ġabro p. I-3921, point 88). Għaldaqstant, fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni ma tistax tikser il-prinċipju ta' trattament ugwali.
- <sup>163</sup> F'din il-kawża, mill-premessi 803 sa 807 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta illi l-Kummissjoni qieset li l-kooperazzjoni tar-rikorrenti kienet ta' valur limitat, peress illi, fil-mument ta' din il-kooperazzjoni, hija digħi kellha provi li jistabbilixxu l-eżistenza tal-ksur inkwistjoni.

- 164 Ir-rikorrenti ma resqitx provi li setgħu jannullaw din il-konklużjoni. Hija sostniet biss illi l-kooperazzjoni tagħha ma setgħetx tkun iktar estensiva, peress illi l-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell kienet limitata ħafna, kemm fuq livell ta' żmien kif ukoll fuq livell materjali. Madankollu, dan l-argument huwa infondat, peress illi l-Kummissjoni ma tistax tkun obbligata, waqt li tiffissa r-rata tat-tnaqqis skont l-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni, li tikkunsidra fatturi oħra minbarra l-utilità oġġettiva li l-kooperazzjoni ta' impriża jkollha sabiex jiġi kkonstatat ksur.
- 165 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta illi l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli, l-ewwel nett, naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq Chalkor b'15 % sabiex tikkunsidra l-informazzjoni mogħtija minn din tal-aħħar u l-fatt li hija ma kkontestax l-fatti kkonstatati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u, it-tieni nett, talli naqqset il-multa imposta fuq il-grupp Boliden u fuq il-grupp IMI b'10 % semplicelement għaliex ma kinux ikkонтestaw il-fatti kif esposti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
- 166 F'dak li jirrigwarda r-riferiment għar-rati ta' tnaqqis tal-multi applikati fil-konfront tal-grupp KME u ta' Wieland, ir-rikorrenti tammetti illi l-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom kienu iktar estensivi minn tagħha. Bl-istess mod, huwa stabbilit illi l-kooperazzjoni tal-grupp Outokumpu kienet seħħet iktar minn sena qabel dik tar-rikorrenti. Għaldaqstant, ma hemmx lok li tiġi eżaminata iktar l-allegazzjoni bbażata fuq diskriminazzjoni tar-rikorrenti meta mqabbla ma' dawn l-impriżi.
- 167 Fl-aħħar nett, l-affermazzjoni tar-rikorrenti illi r-rata ta' tnaqqis li ġiet mogħtija lilha ma kinitx biżżejjed peress illi hija setgħet tagħżel li ma tikkooperax mal-Kummissjoni u li żżomm ħafna mill-provi fil-pussess tagħha, ir-rikorrenti qiegħda impliċitament tikkonesta l-konklużjoni li tinsab fil-premessa 803 tad-deċiżjoni kkontestata, illi l-parti l-kbira tal-informazzjoni mogħtija mir-rikorrenti lill-Kummissjoni kienet taqa' taħbi l-obbligu li hija kellha taħbi l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17.

<sup>168</sup> F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat illi l-Qorti Ġenerali teżerċita kontroll sħiħ fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kooperazzjoni mogħtija mir-rikorrenti tmurx lil hinn mill-obbligu impost fuqha, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, li tirrispondi t-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2006, Raiffeisen Zentralbank Österreich *et vs* Il-Kummissjoni, T-259/02 sa T-264/02 u T-271/02, Ġabra p. II-5169, punt 531). Madankollu, għandu jiġi kkonstatat illi r-rikorrenti, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ma speċifikatx liema kienet l-informazzjoni, fost dik mogħtija minnha, illi hija setgħet ma tagħtix lill-Kummissjoni.

<sup>169</sup> Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, dan il-motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

## *6. Fuq il-motiv ibbażat fuq kalkolu ta' multa sproporzjonata*

### *L-argumenti tal-partijiet*

<sup>170</sup> Ir-rikorrenti tqis li l-ammont finali tal-multa li ġiet imposta fuqha, iffissat bħala EUR 9.16 miljun, huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-multi imposti fuq impriżi oħra destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, hija ssemmi l-każ ta' HME, li f'dak iż-żmien kienet ta' daqs simili għal tagħha, u li l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kartell kienet itwal darbtejn u nofs. L-ammont finali tal-multa imposta fuq HME huwa ta' EUR 4.49 miljun biss.

<sup>171</sup> It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni illi l-multa li ġiet imposta fuqha hija ekwivalenti għal multa ta' EUR 760 000 għal kull xahar ta' parteċipazzjoni fil-ksur, filwaqt li l-ammonti

tal-multi imposti fuq impiżi oħra kieno jvarjaw minn EUR 210 000 sa 440 000 għal kull xahar ta' parteċipazzjoni fil-ksur.

<sup>172</sup> It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni illi n-numru ta' laqgħat kollużivi li fihom impiżiha tkun ipparteċipat jikkostitwixxi indikazzjoni tal-livell ta' involviment tagħha f'kartell. F'dan ir-rigward, hija tinnota illi, talli pparteċipat f'seba' laqgħat, ġiet imposta fuqha multa ta' EUR 1.83 miljun għal kull laqgħa filwaqt li Wieland u KME li pparteċipaw fi kważi l-120 laqgħa kollha li saru fi ħdan il-kartell, ingħataw multa ta' EUR 0.206 u ta' EUR 0.56 miljun għal kull laqgħa, rispettivament.

<sup>173</sup> Ir-raba' nett, ir-rikorrenti tallega illi hija l-uniku impiżiha żgħira u indipendenti li tista' tikkompeti ma' prodotturi kbar Ewropej. Fl-opinjoni tagħha, il-multa li għiet imposta fuqha minħabba l-parteċipazzjoni passiva tagħha fil-kartell hija għolja żżejjed u ser ikollha effett fuq l-kapaċitajiet kompetittivi tagħha.

<sup>174</sup> Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud. Hija tosserva b'mod partikolari illi l-ammont finali tal-multa imposta fuq HME hija r-riżultat tal-applikazzjoni taċita tal-limitu ta' 10 % stabbilit fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003.

#### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti ġenerali*

<sup>175</sup> L-ewwel nett, fid-dawl tal-ispiegazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni u n-nuqqas ta' kontestazzjoni mir-rikorrenti, l-ilment ibbażat fuq id-differenza bejn l-ammont finali tal-multa imposta fuq HME u dik stabbilita għar-rikorrenti, għandu jiġi miċħud.

- 176 It-tieni nett, anki li kieku r-rikorrenti setgħet targumenta illi l-ammont tal-multa imposta fuqha huwa tali li jdgħajjef il-kompetitività tagħha sabiex turi kemm kien sproporzjonat, għandu jiġi kkonstatat illi hija ma ressqa l-ebda provi konkreti f'dan ir-rigward.
- 177 Dwar il-kumplament, għandu jiġi kkonstatat illi l-argumenti l-oħra mressqa mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan il-motiv huma intiżi indirettament sabiex jikkontestaw is-sistema tal-kalkolu tal-ammonti tal-multi stabbilita bil-linji gwida.
- 178 Fil-fatt, billi tiddivid i l-ammonti finali tal-multi bin-numru ta' xhur ta' parteċipazzjoni fil-kartell jew bin-numru ta' laqgħat li għalihom il-persuni li wettqu ksur attendew, ir-rikorrenti fir-realtà tipprova tikkontesta, mill-ġdid, l-iffissar tal-ammont tal-multa skont it-tul tal-ksur.
- 179 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat illi mill-istruttura tal-linji gwida jirriżulta illi l-impriżi li jipparteċipaw għall-itwal tul ta' żmien f'akkordju jingħataw l-inqas multi, jekk l-ammonti jiġu diviżi bin-numru ta' xhur ta' parteċipazzjoni fil-kartell, peress illi l-Kummissjoni hija limitata, fil-linji gwida, li tipprovdi li l-ammont inizjali tal-multa jiżdied sa massimu ta' 10 % għal kull sena ta' ksur. Ir-rikorrenti ma tistax tistrieħ fuq dik l-awtolimitazzjoni sabiex tikseb tnaqqis tal-multa li ġiet imposta fuqha.
- 180 Ir-raġunament espost fil-punt 179 iktar 'il fuq jgħodd ukoll għall-argument tar-rikorrenti dwar ir-relazzjoni bejn l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha u n-numru ta' laqgħat li fihom hija pparteċipat, peress illi n-numru ta' laqgħat li fihom hija pparteċipat huwa marbut mat-tul tal-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell.

- <sup>181</sup> Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, anki dan l-aħħar motiv għandu jiġi miċħud.

### *7. Fuq il-kalkolu tal-ammont finali tal-multa*

- <sup>182</sup> Kif jirriżulta mill-punti 90 sa 113 iktar 'il fuq, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi emendata, inkwantu l-Kummissjoni, meta ffissat l-ammont tal-multa, ma kkunsidratx illi r-rikorrenti ma pparteċipatx fil-ftehim SANCO.
- <sup>183</sup> Dwar il-kumplament, il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni kif esposti fid-deċiżjoni kkontestata kif ukoll il-metodu tal-kalkolu tal-multi applikat f'din il-kawża, jibqgħu l-istess. L-ammont finali tal-multa huwa għalhekk ikkalkolat kif ġej.
- <sup>184</sup> L-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti huwa mnaqqas b'10 % sabiex tiġi kkunsidrata l-gravità inqas serja tal-parteċipazzjoni tagħha fil-kartell meta mqabbla ma' dik tal-“produtturi SANCO”. L-ammont inizjali l-ġdid tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti għalhekk huwa ffissat bħala EUR 8.82 miljun.
- <sup>185</sup> L-applikazzjoni taż-żieda ta' 10 % minħabba t-tul wasslet għal ammont bażiku ta' EUR 9.702 miljun. Filwaqt li jiġi kkunsidrat it-tnaqqis ta' 15 % mogħti lir-rikorrenti mill-Kummissjoni bis-sahħha tal-punt D tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni, l-ammont finali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti għalhekk huwa ta' EUR 8.2467 miljun.

## Fuq l-ispejjeż

<sup>186</sup> Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, il-parti li titlef il-kawża għandha tbat l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Madankollu, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 87(3) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew li kull parti tbat l-ispejjeż tagħha, jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom, jew għal raġunijiet eċċezzjonali.

<sup>187</sup> Fid-dawl tal-fatt li kull parti tilfet parzialment, għandu jiġi deċiż illi kull parti tbat l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĜENERALI (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-ammont tal-multa imposta fuq Chalkor AE Epexergasias Metallon fl-Artikolu 2(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2004) 2826, tat-3 ta' Settembru 2004, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.069 — Pajpjiet tar-ram għall-plumbing) huwa ffissat bħala EUR 8.2467 miljun.

**2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

**3) Chalkor Epexergasias Metallon u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Martins Ribeiro

Papasavvas

Wahl

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu fid-19 ta' Mejju 2010.

Firem

## Werdej

Il-fatti li wasslu għall-kawża .....	II - 1901
1. Il-proċedura amministrattiva .....	II - 1902
2. Id-deċiżjoni kkontestata .....	II - 1904
Prodotti u swieq inkwistjoni .....	II - 1910
Komponenti tal-ksur inkwistjoni .....	II - 1912
Ftehim bejn il-“produtturi SANCO” .....	II - 1912
Ftehim bejn il-“produtturi WICU u Cuprotherm” .....	II - 1913
Ftehim Ewropej imsaħħha .....	II - 1914
Tul u natura kontinwa tal-ksur inkwistjoni .....	II - 1915
Determinazzjoni tal-ammont tal-multi .....	II - 1916
Ammont inizjali tal-multi .....	II - 1917
—Gravità .....	II - 1917
—Trattament differenzjat .....	II - 1919
Ammont inizjali tal-multi .....	II - 1920
Ċirkustanzi aggravanti u attenwanti .....	II - 1923
Applikazzjoni tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni .....	II - 1924
Ammont finali tal-multi .....	II - 1925
Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet .....	II - 1926
Id-dritt .....	II - 1927
1. Fuq il-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-par-teċipazzjoni sfurzata tar-rikorrenti fil-kartell .....	II - 1929
L-argumenti tal-partijiet .....	II - 1929
II - 1962	

CHALKOR vs IL-KUMMISSJONI

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralis.....	II - 1931
2. Fuq il-motiv ibbażat fuq il-kalkolu żbaljat tal-ammont inizjali tal-multa.....	II - 1932
Fuq il-parteċipazzjoni limitata tar-rikorrenti fil-kartell .....	II - 1932
L-argumenti tal-partijiet.....	II - 1932
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralis.....	II - 1936
Fuq il-portata tas-suq ġeografiku li fih ir-rikorrenti pparteċipat fil-kartell.....	II - 1942
L-argumenti tal-partijiet.....	II - 1942
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralis.....	II - 1943
3. Fuq il-motiv ibbażat fuq iż-żieda żbaljata tal-ammont inizjali tal-multa minħabba t-tul tal-kartell .....	II - 1944
Fuq it-tul tal-parteċipazzjoni fil-kartell .....	II - 1944
L-argumenti tal-partijiet.....	II - 1944
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralis.....	II - 1945
Fuq ir-rata ta' żieda .....	II - 1948
L-argumenti tal-partijiet.....	II - 1948
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralis.....	II - 1949
4. Fuq il-motiv ibbażat fuq nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-waqfien volontarju tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-kartell .....	II - 1951
L-argumenti tal-partijiet.....	II - 1951
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralis.....	II - 1952
5. Fuq il-motiv ibbażat fuq tnaqqis insuffiċjenti tal-ammont tal-multa, fid-dawl tal-kooperazzjoni tar-rikorrenti skont l-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni.....	II - 1952
L-argumenti tal-partijiet.....	II - 1952
	II - 1963

SENTENZA TAD-19.5.2010 — KAWŻA T-21/05

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralı.....	II - 1954
6. Fuq il-motiv ibbażat fuq kalkolu ta' multa sproporzjonata .....	II - 1956
L-argumenti tal-partijiet.....	II - 1956
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralı.....	II - 1957
7. Fuq il-kalkolu tal-ammont finali tal-multa .....	II - 1959
Fuq l-ispejjeż.....	II - 1960